# SPORTIV

#155
MARZU 2020

B'XEJN MA' L-ORIZZONT



## DEJAN GRECH
CHAMPION EWROPEW TAL-POOL

## UEFA NATIONS LEAGUE
2020/2021

## SPORTMALTA AWARDS
L-Għażliet Sportivi Nazzjonali


BOV HOME LOANS
STARTING FROM
0.25%
APRC (ANNUAL PERCENTAGE RATE OF COST)
2.686%
FOR THE FIRST YEAR
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Representative example of a HomeFirst product based on a loan amount of €250,000 being made available to a first-time buyer at a fixed interest rate of 0.25% p.a. for the first 12 months and a variable interest rate of 2.85% p.a. for the remaining 408 months. The APRC will be 2.71% p.a. The loan will be repayable in 12 equal monthly instalments of €622.09 and 408 equal monthly instalments of €936.59 over a term of 35 years. The total sum payable throughout the term of the loan assuming the variable interest rate remains unchanged will be €390,013.80. The total sum payable throughout the term of the loan if the fixed rate is not available would be €398,071.80. The fixed interest rate may therefore result in savings of up to €8,058.00. This fixed rate will not change during the term of 12 months and is available for a limited period of time. Applicable charges on this loan are as follows - fully refundable processing fee of €750; flat legal fee of €200; no booking fee; updating of searches fee of €20 and a closing of account fee of €100.
Offer may close earlier at Bank's discretion. All loans are subject to normal bank lending criteria, credit approval by the Bank and a credit agreement. Security may be requested including mortgage or other comparable security. The loan is to be secured by a first ranking hypothec and special privilege over the property being financed, a first ranking pledge over a life assurance policy covering the whole loan amount and a buildings insurance policy for the replacement cost of the property being financed. If repayments are not maintained, the Bank may take steps to sell the property financed following legal proceedings and the borrower may lose the property. Further terms and conditions are available from www.bov.com. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta

SPORTIV
#155
MARZU 2020
Magazin Sportiv ta' kull xahar

# EDITORJAL



Ninsabu fi tmiem ta' xahar iehor, dak ta' Marzu u għal darba oħra qiegħed nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn l-IsportMalta Awards-L-Għażliet Sportivi Nazzjonali. Inwasslulkom intervisti mal-isportiv tas-sena Jordan Gusman u l-isportiva tas-sena Lisa Bezzina.

Ma nistgħux ukoll ma nfaħħrux lil Dejan Grech li riċentement rebaħ Kampjonat Ewropew tal-Pool. Dan ukoll jagħtina l-kummenti tiegħu dwar dan is-suċċess. F'din l-edizzjoni nkomplu nagħtu ħarsa lejn it-tkomplija tal-kampjonat tal-football Premier lokali u ssibu wkoll artikli dwar tiġrijiet taż-żwiemel, b'ħarsa lejn l-ewwel finali tas-sena mirbuħa minn Skogans Lotten u Corky Ramirez. L-isport awtomobilistiku, ċikliżmu, ibburdjar u avvenimenti oħra bħal boxing f'Għawdex ukoll jingħataw prominenza.

Ma jonqsux ukoll ir-rubriki u kompetizzjonijiet oħra ta' kull xahar. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.

*Kenneth Vella*

kennethvella@hotmail.com
sportiv@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Grech
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi , Christine Borg, Dominic Borg, Tonio Magro, Walter Sargent, Paul Zammit Cutajar, Joe Borg, Ian Aquilina, Wally Galea, Mario Micallef, Paul Mifsud, Kurt Arrigo, Kieran Borg.

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa.
Dan il-magazin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# SKOGANS LOTTEN & CORKY RAMIREZ



## jirbħu l-ewwel finali tal-istaġun

# ŻWIEMEL

**Misjuqa minn John Vella, Skogans Lotten rebħet it-tiġrija ewlenija li saret fil-bidu tax-xahar fil-korsa tal-Marsa. Din kienet l-ewwel finali tal-istaġun, dik Assikura għal żwiemel tal-klassi Bronze fuq distanza qasira ta' 2140m.**

Tnax-il żiemel ħadu sehem fil-finali Bronze. Cadumroc (Charles Degiorgio) kien l-aktar żiemel b'saħħtu wara l-karozza tat-tluq u matul l-ewwel metri fetaħ vantaġġ żgħir minn Largo Launcher (Darren Grima) u Skogans Lotten (John Vella). Madankollu, dawra mit-tmiem, Vella poġġa lil Skogans Lotten quddiem u biha fetaħ vantaġġ ta' madwar tnax -il tul biex qasmet il-linja finali l-ewwel bla tbatija minn Best Of Morchies (Dylan Gatt) u Heinz Heino (Andrew Farrugia). Vieux Lille (Eric Bezzina) temm fir-raba' pożizzjoni. Fi tmiem il-finali, Andrew Grech f'isem l-isponsors ippreżenta t-trofew lil John Vella is-sewwieq Għawdxi tad-debba rebbieħa. Dan fil-preżenza ta' Edwin Borg, Chairman tal-Malta Racing Club. Għal Skogans Lotten dan kien l-ewwel suċċess f'pajjiżna.

Minn naħa l-oħra Paul Galea u l-Iżvediż Corky Ramirez rebħu l-finali Assikura għal żwiemel tal-klassi Gold fuq distanza qasira ta' 2140m u li għamlet parti mill-għaxar laqgħa tal-istaġun fuq disa' tiġrijiet kollha għal żwiemel tat-trott. Matul l-ewwel metri, l-ewwel pożizzjoni alternat bejn numru ta' żwiemel sakemm dawra mit-tmiem kien Michael Ellul li mar quddiem bl-Iżvediża Foxy Brown. Madankollu din ċediet ukoll madwar 400m mit-tmiem u nqabżet minn xi żwiemel. Eventwalment fid-dritta finali t-tiġrija żviluppat fi dwell bejn Corky Ramirez (Paul Galea) u Vent Du Der (Rodney Gatt). Kien tal-ewwel li rreġistra t-tielet rebħa nfila b'Janske (Charles Camilleri) u Aragorn De Buliere (Andrew Farrugia) ikollhom ukoll pjazzament pożittiv.

Fi tmiem din il-finali, is-Sur Andrew Grech, f'isem l-isponsors, ippremja lil David Borg u Paul Galea, is-sid u s-sewwieq rispettivament taż-żiemel rebbieħ. Dan fil-preżenza ta' Joe Zerafa, Direttur Eżekuttiv fi ħdan il-kunsill tal-Malta Racing Club. Ta' min wieħed jinnota li din kienet l-ewwel finali mirbuħa minn Paul Galea fil-karriera tiegħu.

# GĦAL ĠEJJIENI B'AKTAR SUĊĊESSI



**Clifton Grima, Segretarju Parlamentari għall-Isport, Żgħażagħ u Volontarjat**





**Hekk kif kważi għaddew kważi tliet xhur mis-sena l-ġdida, kif il-gvern qiegħed jaħdem biex tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għall-Isport u l-Attività fiżika?**

Matul is-sena li għaddiet il-gvern Malti nieda l-Istrateġija Nazzjonali għall-Isport u l-Attività Fiżika, li ser tara li jkollna infrastruttura li twassal għal kultura sportiva ferm aktar b'saħħitha li minnha ser igawdi kulħadd. Din l-istrateġija ġiet mfassla wara konsultazzjoni wiesgħa u numru ta' studji ma' diversi assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet sportivi. Ġew identifikati ħames prioritajiet prinċipali għal din l-istrateġija. Biex jinkisbu dawn il-ħames prioritajiet, ġew imfassla seba' pilastri strateġiċi ewlenin, li għalkemm ta' natura separata, huma interkonnessi. Bħala pilastri hemm l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-kwalità tal-ħajja, il-faċilitajiet, l-industrija, Għawdex, l-integrità fl-isports u high-performance. Kull wieħed minn dawn il-pilastri jinkludu numru ta' objettivi prinċipali li jridu jintlaħqu fl-10 snin li ġejjin u li huma mistennija li jittrasformaw il-landscape tal-isport u l-attività fiżika. Sal-2023 il-gvern ser ikun investa madwar €30 miljun fuq faċilitajiet sportivi, u dan apparti l-€11-il miljun li l-gvern jagħti kull sena lil SportMalta.

Biex inkomplu nassiguraw li jkollna l-infrastruttura li għandna bżonn, il-gvern qiegħed jikkommetti €600,000 fis-sena – qabża kbira minn dak li kien jingħata qabel l-2013 - bħala investiment kemm f'dik li hija infrastruttura sportiva ġewwa pajjiżna imma wkoll f'fondi lill-Kumitat Olimpiku Malti (MOC). Ser nerġgħu mmorru oltre billi nikkommettu €600,000 oħra għat-tliet snin li ġejjin li permezz tagħhom se inkunu qed nassiguraw li l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet li ser jieħdu sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, ikollhom l-istruttura neċessarja biex jagħtu l-coaching professjonali lill-atleti tagħna. Sfortunatament din għadha mhix issir, kemm minħabba d-daqs tagħna bħala pajjiż kif ukoll minħabba d-daqs tal-assoċjazzjonijiet li m'għandhomx ir-riżorsi biex jagħmlu dan kollu. Infakkar li Malta ser tkun

qed tospita l-Logħob tal-Pajjiżi ż-żgħar fl-2023, u l-preparazzjoni fuq diversi livelli diġa qed issir. Għalhekk il-gvern qed jagħmel ħiltu biex ikun ta' spalla lill-atleti tagħna, li għandna għalfejn ikunu kburin għas-su ċċessi li diġa kisbu. Aħna kommessi li noffru l-għajnuna li hemm bżonn biex dawn l-atleti ikomplu jiksbu is-suċċessi kemm għalihom personalment kif ukoll għal pajjiżna.

Dan kollu jammonta għal €1.8 miljun investiment fl-aspetti relatati mal-coaching. Somma li turi l-impenn tal-gvern biex jagħti spinta 'l quddiem lil dan il-qasam f'pajjiżna, u jara li l-atleti tagħna għandhom il-gwida professjonali li jixirqilhom. Barra minn dan kollu, għandna wkoll fondi mill-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali li jammontaw għal €4 miljun li ħa jkunu qed jintużaw mill-assoċjazzjonijiet sabiex naraw li atleti speċifiċi illi kienu ġew identifikati bħala promettenti, ikollhom ċans tajjeb li jġibu medalja f'isem pajjiżna. Irridu inkunu żguri li dawn l-atleti tant promettenti jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jiżviluppaw it-talent tagħhom b'mod sħiħ.

**Dan kollu xi jfisser?**

Dan juri li l-gvern, f'24 xahar, se jkun nefaq is-somma ta' €6 miljun biex tingħata l-għajnuna kollha lil dawn id-dixxiplini sportivi li jaqgħu taħt il-kappa tal-Kumitat Olimpiku Malti. Irrid li dan l-investiment iservi bħala targa sabiex dawn l-atleti jkunu jistgħu jħarsu lejn riżultati ikbar minn dawk li qed jiksbu llum u jikkompetu f'kompetizzjoni ta' livell ogħla minn dawk li qed nipparteċipaw fihom illum. Nemmen illi nistgħu naslu aktar 'il quddiem, u l-gvern ser ikun qed jagħti s-sapport meħtieġ biex inwasslu l-atleti tagħna għal aktar suċċessi.

**X'inhi t-triq li l-isport Malti ser ikun qed isegwi sabiex Malta tilħaq il-miri ta' eċċellenza u tkun fost l-aqwa fl-Ewropa fl-isport ?**

Għandna viżjoni li se twassalna mhux biss għal riżultati tajbin b'mod konsistenti u f'diversi dixxiplini sportivi. Huwa fatt li l-impenn tal-Gvern lejn l-isport kiber sostanzjalment matul l-aħħar snin u dan wassal għal investiment kbir fl-infrastruttura sportiva. Matul is-sena 2018, tlestiet l-ewwel fażi tal-Proġett tax-Shooting Range Internazzjonali ġewwa ta' Kandja li ospitat l-ewwel kampjonat dinji tal-isparar f'Malta. B'investiment ta' nofs miljun ewro, sar resurfacing tat-telgħa tal-Imtaħleb, biex l-entużjasti tal-hill climb għandhom post xieraq fejn jipprattikaw l-isport tagħhom.

Proġett ieħor hu fis-sit tal-ex skola ta' Maria Assunta, fejn tlestiet l-ewwel fażi tal-iSnooker hall u l-Handball court. Bħalissa għaddejjin ukoll bil-pjanijiet għall-faċilitajiet tar-raffa bocci u t-Table Football fl-istess kumpless. Sar ukoll investiment fil-qasam tal-Atletika, fejn il-wiċċ tat-trakka tal-Marsa inbidlet b'investiment ta' €600,000.

Proġett ambizzjuż ieħor hu l-bini tal-pixxina indoor ta' daqs Olimpiku fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Dan il-proġett ta' livell olimpiku mwiegħed fil-manifest elettorali huwa ta' opportunità eċċellenti biex is-settur akwatiku tal-isport f'pajjiżna jkompli jieħu spinta 'l quddiem u jkompli jagħti kontribut għal aktar suċċessi li nkisbu fl-aħħar snin.

Matul l-2019 intemmet it-tieni fażi ta' dan il-proġett li kienet tikkonsisti fiż-żarmar u twaqqigħ tal-Boċċi Dromo. Issa ngħata bidu għat-tielet fażi li tinvolvi l-preparamenti kollha biex tinbena l-pixxina indoor innifisha. Din il-pixxina indoor state-of-the-art se tkun immexxija minn SportMalta u se tkun fost l-aqwa kumplessi sportivi fil-Mediterran li se tkun qed jikkumplimenta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Isport

Inawgurajna wkoll il-kumpless tal-futbol f'Marsaskala b'investiment ta' żewġ miljuni u kif ukoll ħabbarna proġett ambizzjuż ieħor, b'investiment ta' €4.2 miljuni, ta' waterpolo pitch ġdid fl-istess lokal. L-investiment ta' €28 miljun għall-Proġett ta' Riġenerezzjoni tal-Korsa taż-Żwiemel fil-Marsa li ġie approvat b'mod unanimu mill-Parlament. L-investiment f'dan is-sit se jirdoppja u se jiġi ottimizzat b'vantaġġi u opportunitajiet sabiex ikompli jikber dan l-isport b'mod aktar dinamiku.

Iżda l-istrateġija tagħna ma tkoprix biss kisbiet mill-atleti tagħna. Fl-istrateġija naraw ukoll rieda min-naħa tal-gvern biex l-isport u l-attività fiżika jkunu parti ewlenija mill-ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin. Irridu naraw li f'Malta u Għawdex il-komunitajiet isiru aktar attivi u jinkludu l-isports fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. B'dan il-mod l-isport isir pilastru fil-ħajja soċjali tagħna. Iżda biex dan isir, irridu kemm volontà min-naħa tagħna kollha, kif ukoll investiment mill-gvern biex jara li dan isir.

**Kemm hu importanti li jkollna faċilitajiet sportivi tal-ogħla livell?**

Il-Gvern jemmen bis-sħiħ li hemm bżonn ta' aktar faċilitajiet sportivi adekwati u ta' livell għoli biex iktar persuni ta' kull età jkunu attivi u biex ikun jista' jintlaħaq il-livell meħtieġ mill-atleti Maltin. Barra minn hekk, il-gvern qiegħed jaħdem biex Malta ssir destinazzjoni attraenti għat-Turiżmu Sportiv. Hekk kif ikollna infrastruttura u faċilitajiet ta' livell għoli, pajjiżna jista' jattira aktar kompetizzjonijiet internazzjonali u training camps. Dan is-settur tat-turiżmu jista' jikkontribwixxi għal aktar impjiegi u jkompli jżid mat-tkabbir ekonomiku li l-pajjiż kellu f'dawn l-aħħar snin.

Dan l-investiment kollu jkompli jikkonferma kemm il-gvern qed jagħti importanza lill-isport u l-attività fiżika f'kull livell, kemm dik ta' parteċipazzjoni f'livell bażiku, jew grassroots, u anke f'dak f'livell kompetittiv, jew elite. Dawn tal-aħħar jistgħu jkabbru s-suċċessi tagħhom fil-qasam internazzjonali u jwasslu l-Maltin biex ikunu aktar kburin bħala nazzjon, u biex aktar tfal u żgħażagħ jitħajjru jibdew l-isport. Dan huwa mpenn li l-gvern qed jagħti biex l-isport ikompli jsir aċċessibli għal kulħadd, biex aktar persuni ta' kull eta` jkunu attivi u sportivi, biex l-għaqdiet sportivi jsiru iktar sostenibbli, biex ikollna aktar suċċess fl-isport internazzjonali, biex jinħolqu iktar impjiegi fl-isport, biex l-isport jikkontribwixxi aktar lejn l-ekonomija ta' Malta, u biex finalment ikollna poplu iktar b'saħħtu u kuntent.

> "Biex inkomplu nassiguraw li jkollna l-infrastruttura li għandna bżonn, il-gvern qiegħed jikkommetti €600,000 fis-sena"

## INAWGURATA

# SHOOTING RANGE

## tal-Airgun tal-10 metri f'Tigne Point






**Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Volontarjat Clifton Grima inawgura proġett ta' shooting range tal-ogħla livell bl-isem ta' 'Lawrence Darmanin Airgun Range'. Din ir-range, li qiegħda fil-bini tal-Assoċjazzjoni ta' Kollezzjonisti ta' Armi Maltin u Tiraturi (AMACS) f'Tigne Point, Sliema, qed toffri post lil dawk it-tiraturi tal-'airguns' tal-10 metri.**

Fuq is-sit is-Segretarju Parlamentari seta' jara l-faċilitajiet eċċellenti għall-isport u t-taħriġ li ħoloq dan l-investiment. Din ir-range hi mibnija fuq l-istandards tal-ISSF (International Shooting Sport Federation) u tinkludi sistema ta' targets li jirreġistraw r-riżultati u tassisti lit-tiraturi fit-titjib tal-punteġġi tagħhom.

Fid-diskors tiegħu Clifton Grima qal li t-titjib fl-infrastruttura huwa pass kruċjali u f'konformità assoluta mal-pjan tal-gvern li jlesti lil Malta għall-futur. Hu semma kif, fl-isport tal-isparar, l-atleti Maltin huma ta' livell internazzjonali u ħaqqhom infrastruttura ta' livell internazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari qal li pajjiżna ma jridx jikkuntenta ruħu biss bil-parteċipazzjoni imma jimmira għas-suċċess. Huwa sostna li l-Gvern se jkompli jinvesti fl-infrastruttura u fi strateġiji ċari biex jinkisbu riżultati ta' kalibru internazzjonali, mhux darba fil, imma b'mod regolari.

Din ir-range ġiet imsemmija għall-mibki Lawrence Darmanin, eks membru u tiratur veteran tat-'target', magħruf sew fil-komunità tal-isport tal-isparar għad-dedikazzjoni bla waqfien tiegħu biex jgħin lill-atleti Maltin.

Dan il-proġett kien immexxi mill-Membri tal-Kumitat tal-istess assoċjazzjoni Cedrik Dalli u Harold Farrugia b'għajnuna finanzjarja mill-membri kif ukoll fondi mill-Fondi tal-Kawżi Tajba.

Ir-range tinsab fl-istess sala fejn tinsab l-AMACS meta twaqqfet 35 sena ilu u fejn issa jinsabu l-uffiċċji u l-faċilitajiet rikreattivi tagħha. Is-sala tifforma parti mill-Blokk tat-Torri tal-Arloġġ li storikament serva bħala ċ-ċentru ta' rikreazzjoni għall-kwartieri militari fi żmien l-Ingliżi.

L-AMACS hija magħmula minn tnax-il klabb u hi membru fundatur tal-Federazzjoni tal-Kollezzjonisti tal-Armi u tat-Tiraturi (FACTS) li jirrappreżenta l-forom kollha ta' sparar klassiku u dinamiku kif ukoll il-ġbir ta' armi tan-nar storiċi.

# INAWGURAT SPAZJU RIKREATTIV

## 11 ta' Frar' fl-inħawi ta' Żwejt, San Ġwann







**Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Volontarjat Clifton Grima inawgura spazju miftuħ, bl-isem 'Spazju Rikreattiv 11 ta' Frar', fl-inħawi ta' Żwejt f'San Ġwann, b'investiment ta' madwar €35,000 minn SportMalta. Apparti r-rinovar tal-ġnien mad-dawra, l-investiment jinkludi rinovar tal-grawnd iż-żgħir fejn ġiet miżbugħa l-art, inbidel il-fencing u ġie installat apparat tal-futbol u l-basketball, u twaħħal ukoll tagħmir għall-attività fiżika.**

Fid-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima saħaq li b'dan l-investiment bosta familji se jgawdu minn dan l-ispazju miftuħ li kien mitluq għal dawn l-aħħar snin. Filwaqt li rringrazzja lil SportMalta u lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann tax-xogħol siewi, saħaq li SportMalta għaddejja bl-assessjar ta' siti differenti madwar Malta u Għawdex biex jiġu trasformati għal faċilitajiet sportivi li se jservu ta' rikreazzjoni għall-familja kollha. "Dawn il-faċilitajiet se jiġu mibnija mill-ġdid jew rinovati bil-potenzjal tagħhom li jagħqqdu l-komunitajiet aktar flimkien fejn hemm lok ta' aktar interazzjoni soċjali," żied jgħid is-Segretarju Parlamentari Grima. Is-Sindku ta' San Ġwann Trevor Fenech saħaq li l-kunsill lokali għaraf il-bżonn ta' spazji miftuħin fil-lokalità. Is-Sur Fenech kompla jgħid li beda l-proċess ta' installazzjoni ta' CCTV fl-ispazji miftuħin u li fiż-żmien li ġej hemm ippjanati proġetti oħra madwar il-lokal, fosthom spazju rikreattiv fi Triq il-Kampanella. Hu temm jgħid li l-għan aħħari tiegħu hu li jkompli jaħdem biex ikun hemm San Ġwann dejjem aħjar.

Preżenti għal din l-inawgurazzjoni kien hemm ukoll il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann u diversi għaqdiet volontarji tal-lokal.

> "Dawn il-faċilitajiet se jiġu mibnija mill-ġdid jew rinovati bil-potenzjal tagħhom li jagħqqdu l-komunitajiet aktar flimkien fejn hemm lok ta' aktar interazzjoni soċjali"

# Kampjonat BOV Premier 2019/20 - sal-20 ġurnata




# FLORIANA

## jaqbżu waħedhom fl-ewwel pożizzjoni

**Wara li ntlagħbet l-20 ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, Floriana qabżu waħedhom fil-quċċata tal-klassifika hekk kif huma għelbu lil Sirens bl-iskor ta' 3-0 filwaqt li Valletta, li kienu qed jaqsmu l-ewwel post, sfaw megħluba minn Gudja United bl-iskor ta' 2-0.**

Anke jekk Gudja United jitilfu posthom fl-ogħla diviżjoni, dan l-istaġun għandu jitniżżel b'ittri tad-deheb għalihom wara li f'temp ta' xahar huma għelbu lill-aktar tliet timijiet li kienu minn fost il-protagonisti biex tissawwar l-istorja tal-football Malti ... u li bejniethom rebħu l-kampjonat 76 darba ... Sliema Wanderers (26), Floriana u Valletta (25 darba kull wieħed).

It-tliet rebħiet waslu kollha fis-Centenary Stadium. Huma għelbu lill-Wanderers fit-8 ta' Frar (1-0), lil Floriana fil-15 ta' Frar (2-1) u lil Valletta fis-7 ta' Marzu (2-0).

Intant, meta fadal sitt logħbiet għat-tmiem tal-kampjonat, id-destin jinsab għand Floriana ... iżda bla dubju li se naraw bosta emozzjonijiet u ċaqliq fil-pożizzjonijiet fil-klassifika .. hekk kif Hibernians jistgħu jidħlu minn wara minħabba li jridu jiffaċċjaw kemm lil Floriana kif ukoll lil Valletta.

Għat-tmiem fadal programm mill-aktar interessanti u għad jista' jseħħ kollox. Iżda x'inhu l-programm li fadal tal-ewwel erba' timijiet u min se jkunu l-avversarji tagħhom?

Dan huwa l-programm tas-sitt logħbiet li fadal:

**FLORIANA** - Senglea A., Mosta, Hibernians, Hamrun S., Sta Lucia, Sliema W.

**VALLETTA** - Tarxien R., Sirens, Senglea A., Mosta, Hibernians, Hamrun S.

**HIBERNIANS** - Sta Lucia, Sliema W., Floriana, Balzan, Valletta, Gzira U.

**SIRENS** - Balzan, Valletta, Gzira U., Gudja U., Tarxien R., Birkirkara.

Għalkemm fil-logħba tal-football jista' jseħħ kollox, fil-veritá żewġ timijiet li huma maqtugħin mir-rebħ tat-titlu iżda għadhom biċ-ċans li jisfidaw għal post fil-UEFA Europa League, huma Birkirkara u Gzira United.

Wara bidu ferm negattiv, fit-tieni round Birkirkara kienu team kompletament trasformat hekk kif minn seba' logħbiet rebħu ħamsa u spiċċaw darbtejn fi draw.

Mhux l-istess jista' jingħad għal Gzira li wara li kellhom bidu mill-aqwa, fejn anke kienu qed jitqiesu minn fost l-isfidanti ewlenin, fit-tieni round kisbu biss seba' punti minn possibbiltá ta' 21.

Fl-aħħar logħba, dik diretta kontra l-Istripes, il-Maroons ħarġu telliefa bl-iskor ta' 2-0.

Il-programm li fadlihom huwa dan:

**BIRKIRKARA** - Hamrun S., Gudja U., Sta Lucia, Tarxien R., Sliema W., Sirens.

**GZIRA U.** - Gudja U., Tarxien R., Sirens, Senglea A., Mosta, Hibernians.

Balzan u Mosta jidhru xxamplat fin-nofs tal-klassifika mingħajr l-ebda periklu tar-relegazzjoni u għaldaqstant il-partiti tagħhom jidhru biss formalitá.

Il-programm tagħhom huwa dan:

**BALZAN** - Sirens, Senglea A., Mosta, Hibernians, Hamrun S., Sta Lucia.

**MOSTA** - Sliema W., Floriana, Balzan, Valletta, Gzira U., Gudja U.

B'Tarxien Rainbows diġá relegati, it-taqtiegħa għas-salvazzjoni qed tintensifika meta minn ħames timijiet wieħed irid jingħaqad mar-Rainbows fl-Ewwel Diviżjoni u ieħor jilgħab fil-Relegation/Promotion Decider kontra dak it-team li jtemm fit-tielet post tal-Ewwel Diviżjoni.

Dawn huma Hamrun Spartans, Sliema Wanderers, Gudja United, Sta Lucia u Senglea Athletic. Filwaqt li dawn tal-aħħar huma kemmxejn maqtugħin u distakkati b'seba' punti fil-post ta' qabel l-aħħar tal-klassifika, kollox għadu inċert.

Il-programm tas-sitt timijiet li jinsabu fin-naħa t'isfel tal-klassifika huwa:

**HAMRUN S.** - Birkirkara, Sta Lucia, Sliema W., Floriana, Balzan, Valletta.

**SLIEMA W.** - Mosta, Hibernians, Hamrun S., Sta Lucia, Birkirkara, Floriana.

**GUDJA U.** - Gzira U., Birkirkara, Tarxien R., Sirens, Senglea A., Mosta

**STA LUCIA** - Hibernians, Hamrun S., Birkirkara, Sliema W., Floriana, Balzan

**SENGLEA A.** - Floriana, Balzan, Valletta, Gzira U., Gudja U., Tarxien R.

**TARXIEN R.** - Valletta, Gzira U., Gudja U., Birkirkara, Sirens, Senglea A.

FOOTBALL

## MIN QED JISKORJA

**14** – Kristian Keqi (Floriana).

**13** – Mario Fontanella (Valletta).

**11** – Andrija Majdevac (Balzan).

**10** – Federico Falcone (Birkirkara); Jefferson de Assis (Gzira U.).

**9** – Tiago Adan Fonseca (Floriana); Aleksa Andrejic (Tarxien R.).

**8** – Jake Grech, Imanol Iriberri (Hibs)

**7** – Soufiane Lagzir (Hamrun S.); Weverton Gomes (Mosta); Jose' Wilkson (Senglea A.).

**6** – Amadou Samb (Gzira U.); Nikita Kotlov (Mosta); Emmanuel Okoye (Sirens); Rei Tachikawa (Sta Lucia).

**5** – Ricardo Correa (Balzan); Rundell Winchester (Gudja U.); Wilfried Domoraud, 4 għal Hamrun S., Hamed Kone, Amadou Samb (Gzira U.); Flavio Cleveresan, Lucas Memezes, Wellington de Oliveira (Sirens); Yuri Cisotti (Sliema W.); Miguel Angel Alba, 4 għal Birkirkara (Valletta).

**4** – Steve Pisani (Balzan); Caio Henrique Prado (Birkirkara); Gabriel Mensah (Gudja U.); Marco Criaco, 2 għal Hamrun S., Andrew Cohen (Gzira U.); Jorge Ailton Soares (Hamrun S.); Leonardo Nanni (Hibernians); Wilfried Zamble (Senglea A.); Claudio Zappa (Sliema W.); Mauxell Maia da Silva (Sta Lucia).

**3** – Brandon Paiber, Diego Venancio (Floriana); Martin Davis (Gzira U.); Nicola Leone (Hamrun S.); Jurgen Degabriele, Terence Groothusen (Hibernians); Momodou Jallow, Dexter Xuereb (Mosta); Ricardo Faria, Adeshina Ige (Sirens); John Paul Farrugia (Sliema W.); Enmy Pene Beltre, Steve Borg (Valletta).

**2** – Alfred Effiong, Uros Lyubomirac, Luke Montebello (Balzan); Isaac Ntow, Edison Luis dos Santos (Birkirkara); Jan Busuttil, Matias Garcia (Floriana); Juan Bolano, James Brincat, Aiden Friggieri, Miguel Antonio Jimenez (Gudja U.); Rodolfo Soares (Gzira U.); Joseph Mbong, Dunstan Vella (Hibernians); Zachary Brincat, Raphael Morisco, Edin Murga (Mosta); Juninho Cabral, Gonzalo Virano, Taisei Marukawa (Senglea A.); Thiago Espindola (Sirens); Alex Satariano (Sliema W.); Wilkerson Gomez, Jackson Mendoza, Kevin Rosero (St. Lucia); Miguel Ciantar, Destin Mambouana, Thomas Veronese (Tarxien R.); Irakli Dzaria, Bojan Kaljevic, Kyrian Nwoko, Matteo Piciollo (Valletta).

**1** – Adeseyi Adekoya, Ivan Bozovic, Aleksandar Kosoric, Augustine Loof, Stefan Dimic, Arthur Machado Faria, Kristijan Naumovski (Balzan); Cain Attard, Diego Capel, Oscar Carniello, Matthew Guillaumier, Paul Mbong, Enrico Pepe, Yannick Yankam (Birkirkara); Ryan Camenzuli, Augusto Caseces, Stefano D'Agostino, Jurgen Pisani, Terence Vella (Floriana); Anderson de Barros, Carlos Santana Barroso, Nivaldo Rodriguez Ferreira, Allan Ricardo Miranda (Gudja U.); Giammarco Conti, Zach Scerri (Gzira U.); Clayton Failla, Valdo Goncalves, Ryan Darmanin, Andre Scicluna (Hamrun S.); Andrei Agius, Myles Beerman, Bjorn Kristensen (Hibernians); Gabriel Aquilina, Duane Bonnici, Christian Chaney, Tyrone Farrugia, Matias Muchardi, Takanori Yokochi (Mosta); Ricardo de Almeidi, Leighton Grech, Manolito Micallef, Marcelo Dias, (Senglea A.); Edward Herrera (Sirens); Arthur Ayama, Ro-bert Diaz, Juan Cruz Gill, John Mintoff, Michele Sansone, Kurt Shaw, Seydou Sow, Federico Vasikchik, Peter Xuereb (Sliema W.); Henrique Azeveda, Kevin Correa, Camilo Escobar, Adam Magri Overend, Diego Segura, Jacob Walker, Jamie Zerafa (St Lucia); Manuel Murillo, Stiv Shaba, Matthew Tabone (Tarxien R.); Yuri Jesus de Messias, Rowen Muscat, Douglas Packer, Kevin Tulimieri (Valletta).

**Auto-Goals** (8): Charles Atsina (Hiber- nians) favur Gudja U. 1-1; Daniel Sant (Sirens) favur Hibernians 2-1; Daniel Zerafa (Tarxien R.) favur Gudja U. 2-3; Ryan Caruana (Sta Lucia) favur Sliema W. 0-4; Kyrian Nwoko (Valletta) favur Sta Lucia 2-2; Jurgen Pisani (Floriana) favur Balzan 3-1; Enzo Ruiz (Floriana) favur Gudja U. 1-2; Ferdinando Apap (Hibernians) favur Birkirkara 1-2.

## KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 20 | 12 | 5 | 3 | 38 | 15 | 41 |
| Valletta | 20 | 11 | 5 | 4 | 32 | 22 | 38 |
| Hibernians | 20 | 11 | 4 | 5 | 34 | 20 | 37 |
| Sirens | 20 | 10 | 5 | 5 | 30 | 26 | 35 |
| Birkirkara | 20 | 9 | 6 | 5 | 30 | 20 | 33 |
| Gzira U. | 20 | 9 | 5 | 6 | 35 | 19 | 32 |
| Balzan | 20 | 8 | 4 | 8 | 33 | 29 | 28 |
| Mosta | 20 | 9 | 1 | 10 | 29 | 35 | 28 |
| Hamrun S. | 20 | 6 | 7 | 7 | 24 | 25 | 25 |
| Sliema W. | 20 | 7 | 3 | 10 | 24 | 22 | 24 |
| Gudja U. | 20 | 6 | 6 | 8 | 24 | 30 | 24 |
| Sta Lucia. | 20 | 6 | 5 | 9 | 24 | 33 | 23 |
| Senglea A. | 20 | 3 | 7 | 10 | 21 | 39 | 16 |
| Tarxien R. | 20 | 1 | 1 | 18 | 18 | 61 | 4 |

> "Intant, meta fadal sitt logħbiet għat-tmiem tal-kampjonat, id-destin jinsab għand Floriana"



# UEFA NATIONS LEAGUE 2020/2021




# Malta fil-grupp ta' Andorra, Latvja u Faroe Islands

**Iċ-Champions tal-Ewropa, il-Portugall, ġew imtellgħin f'League A Grupp 3 flimkien maċ-Champions tad-Dinja, Franza, meta aktar kmieni dan ix-xahar telgħu l-poloz tat-tieni edizzjoni tal-UEFA Nations League, bħala parti mill-Kungress tal-UEFA li sar f'Amsterdam, l-Olanda. Magħhom hemm ukoll l-Isvezja u l-finalisti tat-Tazza tad-Dinja, il-Kroazja.**

Il-finalisti tan-Nations League, l-Olanda telgħu f'League A1 flimkien mal-Italja, il-Bosnja Herzegovina u l-Polonja bl-Ingilterra jinsabu f'League A2 mal-Belġju, id-Danimarka u l-Islanda.

League A4 jinkludi żewġ rebbieħa tal-passat tal-Kampjonat Ewropew u tat-Tazza tad-Dinja, Spanja u l-Ġermanja, kif ukoll lill-Isvizzera u lill-Ukrajna.

Min-naħa ta' Malta l-avversarji tagħna f'League D1 huma Andorra, il-Latvja u l-Faroe Islands b'dawn tal-aħħar kienu avversarji tagħna fl-ewwel edizzjoni fejn kull team rebaħ il-logħba li lagħab f'daru, Malta 2-1 u l-Faroes 1-0.

Fil-passat Malta ltaqgħet tmien darbiet kontra l-Faroe Islands bir-rekord ikun dan: lagħbu 8, rebħ Malta 2, draw 1, rebħ Faroes 5, goals favur 11, goals kontra 15.

Kontra Andorra lgħabna żewġ logħbiet li ntemmu fi draws ta' 1-1 waqt li kontra l-Latvja r-rekord huwa: lagħbu 5, rebħ Malta 2, rebħ Latvja 3, goals favur 5, goals kontra 7. Wara l-poloz il-coach il-ġdid ta' Malta, it-Taljan Devis Mangia, qal:

"In-Nations League huwa l-ewwel fażi tal-proġett tagħna għat-team nazzjonali u qed inħarsu 'l quddiem għalih. "Il-grupp huwa dak li hu, nafu lill-avversarji tagħna u nemmen li nistgħu nikkompetu kontrihom. Se nagħmlu li nistgħu biex nirbħu l-punti.

"Din il-polza se tagħtina l-opportunitá li npattu għat-telfa kontra l-Faroe Islands.

"Irridu nippreparaw bl-aħjar mod possibbli meta se nibdew aktar tard dan ix-xahar bil-partiti ta' ħbiberija kontra Ġibiltá u Azerbaijan."

Il-logħob kollu se jintlagħab f'Settembru, Ottubru u Novembru.

Preżenti għall-poloz kien hemm il-president tal-MFA, Bjorn Vassallo, is-segretarju ġenerali, Angelo Chetcuti, u d-direttur tal-media, Kevin Azzopardi.

## LEAGUE A

| GRUPP 1 | GRUPP 2 |
|---|---|
| OLANDA | INGILTERRA |
| ITALJA | BELĠJU |
| BOSNJA | DANIMARKA |
| POLONJA | ISLANDA |

| GRUPP 3 | GRUPP 4 |
|---|---|
| PORTUGALL | PORTUGALL |
| FRANZA | FRANZA |
| SVEZJA | SVEZJA |
| KROAZJA | KROAZJA |

## LEAGUE B

| GRUPP 1 | GRUPP 2 |
|---|---|
| AWSTRIJA | REPUBBLIKA ĊEKA |
| NORVEĠJA | SKOZJA |
| IRLANDA TA' FUQ | SLOVAKKJA |
| RUMANIJA | IŻRAEL |

| GRUPP 3 | GRUPP 4 |
|---|---|
| RUSSJA | WALES |
| SERBJA | FINLANDJA |
| TURKIJA | IRLANDA |
| UNGERIJA | BULGARIJA |

## LEAGUE C

| GRUPP 1 | GRUPP 2 |
|---|---|
| AZERBAIJAN | ARMENJA |
| LUSSEMBURGU | ESTONJA |
| ĊIPRU | MAĊEDONJA |
| MONTENEGRO | GEORGIA |

| GRUPP 3 | GRUPP 4 |
|---|---|
| MOLDOVA | KAZAKHSTAN |
| SLOVENJA | LITWANJA |
| KOSOVO | BELARUS |
| GREĊJA | ALBANIJA |

## LEAGUE D

| GRUPP 1 | GRUPP 2 |
|---|---|
| MALTA | SAN MARINO |
| ANDORRA | LIECHTENSTEIN |
| LATVJA | ĠIBILTÁ |
| FAROE ISLANDS | |

# IL-KALENDARJU KOLLU TAL-UEFA NATIONS LEAGUE 2020/2021

## L-EWWEL ĠURNATA

**Il-Ħamis, 3 ta' Settembru**
A4 Ġermanja v Spanja - 8.45 pm
A4 Ukrajna v Svizzera - 8.45 pm
B3 Russja v Serbja - 8.45 pm
B3 Turkija v Ungerija - 8.45 pm
B4 Bulgarja v Irlanda - 8.45 pm
B4 Finlandja v Wales - 8.45 pm
C3 Moldova v Kosovo - 8.45 pm
C3 Slovenja v Greċja - 8.45 pm
D1 Faroe Islands v Malta - 8.45 pm
D1 Latvja v Andorra - 8.45 pm

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru**
A1 Italja v Bosnja - 8.45 pm
A1 Olanda v Polonja - 8.45 pm
B1 Norveġja v Awstrija - 8.45 pm
B1 Rumanija v Irlanda ta' Fuq - 8.45 pm
B2 Skozja v Iżrael - 8.45 pm
B2 Slovakkja v Rep. Ċeka - 8.45 pm
C4 Belarus v Albanija - 8.45 pm
C4 Litwanja v Kazakhstan - 8.45 pm

**Is-Sibt, 5 ta' Settembru**
C2 Maċedonja v Armenja - 3.00 pm
D2 Ġibiltá v San Marino - 3.00 pm
A2 Islanda v Ingilterra - 6.00 pm
C1 Azerbaijan v Lussemburgu - 6.00 pm
C1 Ċipru v Montenegro - 6.00 pm
C2 Estonja v Georgia - 6.00 pm
A2 Danimarka v Belġju - 8.45 pm
A3 Portugall v Kroazja - 8.45 pm
A3 Svezja v Franza - 8.45 pm

## IT-TIENI ĠURNATA

**Il-Ħadd, 6 ta' Settembru**
B4 Wales v Bulgarja - 3.00 pm
D1 Andorra v Faroe Islands - 3.00 pm
B3 Ungerija v Russja - 6.00 pm
B4 Irlanda v Finlandja - 6.00 pm
C3 Slovenja v Moldova - 6.00 pm
A4 Spanja v Ukrajna - 8.45 pm
A4 Svizzera v Ġermanja - 8.45 pm
B3 Serbja v Turkija - 8.45 pm
C3 Kosovo v Greċja - 8.45 pm
D1 Malta v Latvja - 8.45 pm

**It-Tnejn, 7 ta' Settembru**
C4 Kazakhstan v Belarus (4.00)
A1 Bosnja v Polonja - 8.45 pm
A1 Olanda v Italja - 8.45 pm
B1 Awstrija v Rumanija - 8.45 pm
B1 Irlanda ta' Fuq v Norveġja - 8.45 pm
B2 Rep. Ċeka v Skozja - 8.45 pm
B2 Iżrael v Slovakkja - 8.45 pm
C4 Albanija v Litwanja - 8.45 pm

**It-Tlieta, 8 ta' Settembru**
C2 Armenja v Estonja - 6.00 pm
C2 Georgia v Maċedonja - 6.00 pm
A2 Belġju v Islanda - 8.45 pm
A2 Danimarka v Ingilterra - 8.45 pm
A3 Franza v Kroazja - 8.45 pm
A3 Svezja v Portugall - 8.45 pm
C1 Ċipru v Azerbaijan - 8.45 pm
C1 Lussemburgu v Montenegro - 8.45 pm
D2 San Marino v Liechtenstein - 8.45 pm

## IT-TIELET ĠURNATA

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru**
C2 Armenja v Georgia - 6.00 pm
A1 Bosnja v Olanda - 8.45 pm
A1 Polonja v Italja - 8.45 pm
B1 Irlanda ta' Fuq v Awstrija - 8.45 pm
B1 Norveġja v Rumanija - 8.45 pm
B2 Iżrael v Rep. Ċeka - 8.45 pm
B2 Skozja v Slovakkja - 8.45 pm
C2 Estonja v Maċedonja - 8.45 pm
D2 Liechtenstein v Ġibiltá - 8.45 pm

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru**
A2 Ingilterra v Belġju - 8.45 pm
A2 Islanda v Danimarka - 8.45 pm
A3 Kroazja v Svezja - 8.45 pm
A3 Franza v Portugall - 8.45 pm
B3 Russja v Turkija - 8.45 pm
B3 Serbja v Ungerija - 8.45 pm
C1 Lussemburgu v Ċipru - 8.45 pm
C1 Montenegro v Azerbaijan - 8.45 pm
D1 Andorra v Malta - 8.45 pm
D1 Faroe Islands v Latvja - 8.45 pm

**Is-Sibt, 10 ta' Ottubru**
B4 Irlanda v Wales - 3.00 pm
C4 Kazakhstan v Albanija - 3.00 pm
B4 Finlandja v Bulgarja - 6.00 pm
C4 Litwanja v Belarus - 6.00 pm
A4 Spanja v Svizzera - 8.45 pm
A4 Ukrajna v Ġermanja - 8.45 pm
C3 Greċja v Moldova - 8.45 pm
C3 Kosovo v Slovenja - 8.45 pm

## IR-RABA' ĠURNATA

**Il-Ħadd, 11 ta' Ottubru**
B2 Skozja v Rep. Ċeka - 3.00 pm
B1 Norveġja v Irlanda ta' Fuq - 6.00 pm
C2 Estonja v Armenja - 6.00 pm
C2 Maċedonja v Georgia - 6.00 pm
D2 Liechtenstein v San Marino - 6.00 pm
A1 Italja v Olanda - 8.45 pm
A1 Polonja v Bosnja - 8.45 pm
B1 Rumanija v Awstrija - 8.45 pm
B2 Slovakkja v Iżrael - 8.45 pm

**It-Tnejn, 12 ta' Ottubru**
C1 Azerbaijan v Ċipru - 6.00 pm
A2 Ingilterra v Danimarka - 8.45 pm
A2 Islanda v Belġju - 8.45 pm
A3 Kroazja v Franza - 8.45 pm
A3 Portugall v Svezja - 8.45 pm
B3 Russja v Ungerija - 8.45 pm
B3 Turkija v Serbja - 8.45 pm
C1 Montenegro v Lussemburgu - 8.45 pm
D1 Faroe Islands v Andorra - 8.45 pm
D1 Latvja v Malta - 8.45 pm

**It-Tlieta, 13 ta' Ottubru**
A4 Ġermanja v Svizzera - 8.45 pm
A4 Ukrajna v Spanja - 8.45 pm
B4 Bulgarja v Wales - 8.45 pm
B4 Finlandja v Irlanda - 8.45 pm
C3 Greċja v Kosovo - 8.45 pm
C3 Moldova v Slovenja - 8.45 pm
C4 Belarus v Kazakhstan - 8.45 pm
C4 Litwanja v Albanija - 8.45 pm

## IL-ĦAMES ĠURNATA

**Il-Ħamis, 12 ta' Novembru**
C1 Azerbaijan v Montenegro - 6.00 pm
C4 Belarus v Litwanja - 6.00 pm
A2 Belġju v Ingilterra - 8.45 pm
A2 Danimarka v Islanda - 8.45 pm
A3 Portugall v Franza - 8.45 pm
A3 Svezja v Kroazja - 8.45 pm
C1 Ċipru v Lussemburgu - 8.45 pm
C4 Albanija v Kazakhstan - 8.45 pm

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru**
C2 Georgia v Armenja - 6.00 pm
A4 Ġermanja v Ukrajna - 8.45 pm
A4 Svizzera v Spanja - 8.45 pm
B4 Bulgarja v Finlandja - 8.45 pm
B4 Wales v Irlanda - 8.45 pm
C2 Maċedonja v Estonja - 8.45 pm
C3 Moldova v Greċja - 8.45 pm
C3 Slovenja v Kosovo - 8.45 pm
D2 San Marino v Ġibiltá - 8.45 pm

**Is-Sibt, 14 ta' Novembru**
B2 Rep. Ċeka v Iżrael - 3.00 pm
D1 Malta v Andorra - 3.00 pm
B1 Rumanija v Norveġja - 6.00 pm
B2 Slovakkja v Skozja - 6.00 pm
B3 Turkija v Russja - 6.00 pm
D1 Latvja v Faroe Islands - 6.00 pm
A1 Italja v Polonja - 8.45 pm
A1 Olanda v Bosnja - 8.45 pm
B1 Awstrija v Irlanda ta' Fuq - 8.45 pm
B3 Ungerija v Serbja - 8.45 pm

## IS-SITT ĠURNATA

**Il-Ħadd, 15 ta' Novembru**
C4 Albanija v Belarus - 3.00 pm
C4 Kazakhstan v Litwanja - 3.00 pm
A2 Belġju v Danimarka - 6.00 pm
A2 Ingilterra v Islanda - 6.00 pm
A3 Kroazja v Portugall - 8.45 pm
A3 Franza v Svezja - 8.45 pm
C1 Lussemburgu v Azerbaijan - 8.45 pm
C1 Montenegro v Ċipru - 8.45 pm

**It-Tnejn, 16 ta' Novembru**
C2 Armenja v Maċedonja - 6.00 pm
C2 Georgia v Estonja - 6.00 pm
A4 Spanja v Ġermanja - 8.45 pm
A4 Svizzera v Ukrajna - 8.45 pm
B4 Irlanda v Bulgarja - 8.45 pm
B4 Wales v Finlandja - 8.45 pm
C3 Greċja v Slovenja - 8.45 pm
C3 Kosovo v Moldova - 8.45 pm
D2 Ġibiltá v Liechtenstein - 8.45 pm

**It-Tlieta, 17 ta' Novembru**
A1 Bosnja v Italja - 8.45 pm
A1 Polonja v Olanda - 8.45 pm
B1 Awstrija v Norveġja - 8.45 pm
B1 Irlanda ta' Fuq v Rumanija - 8.45 pm
B2 Rep. Ċeka v Slovakkja - 8.45 pm
B2 Iżrael v Skozja - 8.45 pm
B3 Ungerija v Turkija - 8.45 pm
B3 Serbja v Russja - 8.45 pm
D1 Andorra v Latvja - 8.45 pm
D1 Malta v Faroe Islands - 8.45 pm



# PETER BUSUTTIL

INTERVISTA

## Ir-Responsabbiltà Soċjali fil-Football



**Peter Busuttil huwa persuna li m'ghandu bżonn tal-ebda introduzzjoni fil-qasam tax-xena lokali tal-ispettaklu iżda riċentement beda jaħdem fis-settur tar-responsabbiltà soċjali fi ħdan l-MFA.**

Ftit tax-xhur ilu l-Malta Football Association nidiet it-tieni proġett tagħha bl-isem ta' "All In – All for Football." Din l-inizjattiva soċjali kienet il-kontinwazzjoni ta' programm iehor li kien suċċess u li kien iġib l-isem ta' "Include Me and I Will Understand." F'dan il-proġett ħadu sehem 'il fuq minn 300 persuna li hafna minnhom kienu refuġjati u nies vulnerabbli fejn 12-il club u numru ta' NGOs taw l-ghajnuna tagħhom. Magħhom ingħaqdu wkoll ghaqdiet ohra fosthom AWAS, Appoġġ u LEAP li kollha offrew is-servizz tagħhom f'attivitajiet mill-isbah ta' loghob tal-football u sessjonijiet ta' taħriġ li taw hajja ġdida lil ċerti individwi li ghalihom kienet okkażjoni unika.

Aħna tkellimna mal-kordinatur ta' dan il-proġett Peter Busuttil li spjegalna aktar fid-dettall l-ghanijiet u r-riżultati ta' dan il-proġett.

**X'kien jinvolvi dan il-proġett imsejjah "All In – All for Football?"**

Dan kien it-tieni parti ta' proġett li l-Malta Football Association bdiet fl-istaġun li għadda. Applikajna għall-fondi ta' din l-inizjattiva u dan kollu jifforma parti mill-famuża "Football for Life." Huwa proġett li prattikament ninkludu fih lil kulħadd irrispettivament mir-razza, sess jew abbiltá. Dan kollu kien jinvolvi l-kommunitá tal-football kollha u din il-logħba kapaċi tgħaqqadna lkoll flimkien.

Kif nafu ħafna mill-clubs tal-football lokali huma mmexxija minn voluntiera li jagħtu ħafna ħin biex is-sistema tibqa' għaddejja. F'mejda ta' kumitat kapaċi ssib avukat, bniedem li jaħdem f'ħanut tal-merċa, student u pensjonant. X'irrid ngħidlek jien? Li l-football għandu l-poter jgħaqqad lil kulhadd. Il-kumitati ta' diversi clubs lokali taw ukoll il-kontribut tagħhom biex dawk in-nies vulnerabbli jinghataw iċ-ċans jipparteċipaw fil-logħba li tant inhobbu. Bħalissa għaddejjin proġetti f'diversi lokalitajiet fosthom Sirens, Mqabba, Birżebbuġa, Senglea u Ħamrun. Dawn il-postijiet se jkomplu jiżdiedu. Mingħajr l-ghajnuna ta' dawn il-clubs u oħrajn magħhom ma naħsibx li konna naslu.

> Il-fatt li tajt opportunitá lil dawn il-persuni biex għal ftit ħin jintegraw magħna timlini b'aktar kuraġġ biex naħdmu aktar.

**Kemm kien suċċess dan il-programm li bdejtu?**

Biex nagħtik idea, ġejna msemmija erba' darbiet f'diversi pubblikazzjonijiet li toħroġ l-MFA u apparti minn hekk hadna l-fondi mill-UEFA għax kien hemm għarfien li dan il-proġett kien se jkun suċċess. Aħna morna fil-kommunitajiet ukoll fosthom f'ċentri miftuħa bħal Marsa u Ħal Far. Kellna residenti li saħansitra waslu bid-dgħajsa ftit tal-ġranet qabel u tista' taħseb kif kienu. Permezz ta' dan il-proġett tajnihom xi ħaġa biex iħossuhom ferħana filwaqt li mlejnilhom ħafna mill-ħin liberu tagħhom. Huma pparteċipaw bis-sħiħ għax nafu li jħobbu l-football. Dan kien is-sodisfazzjon li ħadna. Rajna li ninkludu kollox u dawk li ma kinux qed jilagħbu kienu qed jieħdu ħsieb affarijiet oħra. Nemmnu fl-inklużjoni iżda fuq kollox li ħadd ma jibqa' barra. Dan kollu kapaċi jagħmlu biss l-isport f'dan il-każ il-football.

**Fil-ġimgħat li għaddew, l-MFA daħlet fi ftehim ma' PlayGreen, proġett tal-UEFA ffinanzjat mill-programm tal-Unjoni Ewropea, Erasmus+. Agħtina aktar dettalji.**

Fost it-tragwardi li għandna li ġew stabbiliti, aħna għandna l-għan li nirrijabilitaw ċerti żoni madwar Malta li sa issa ġew mitluqa. Diġà bdejna bl-ewwel avveniment li kien it-tindif tal-pitch tal-footbal ta' Ħal-Far minn fejn inġabru żewġ skips mimlija skart.

Issa għandna l-għan li nagħmlu użu minn dan il-pitch għal dawk kollha li huma interessati li jieħdu sehem f'avvenimenti sportivi.

Sa tmiem din is-sena, qed nittamaw li nippubblikaw rapport fejn fih jiġu elenkati l-benefiċċji minn programm bħal dan, fosthom sistema ta' trasport aħjar li tieħu lill-partitarji fi stadia diversi, l-użu tal-plastik u t-tip ta' ikel li jittiekel fl-istadia.

**X'inhi d-definizzjoni ta' dik li bl-Ingliż insejħulha "Everyone's Game?"**

Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-logħba tal-football hi għal kulħadd. Kull sena nikkollaboraw ma' diversi NGOs, aġenziji, gruppi differenti u anke mal-gvern lokali. Fost l-oħrajn ħdimna mal-ministeru tal-ugwaljanza soċjali fejn kellna żewġ programmi partikolari. Fuq kollox ridna noħolqu kuxjenza fuq il-kommunitá LGBTIQ tant li f'ġimagħtejn ħadna sehem f'19-il logħba f'Malta u Għawdex. Morna f'diversi grounds u f'kull kategorija minn Premier sat-Tielet Diviżjoni, logħob taż-żgħażagħ u oħrajn f'Għawdex. Qassamna 500 par lazz taż-żraben b'kuluri differenti kif ukoll armbands.

Fi programm ieħor ridna noħolqu kuxjenza fuq il-vjolenza domestika u qassamna 600 flokk li ntlibsu mir-referees u l-players qabel il-logħob tal-kampjonati lokali fi tmiem il-ġimgħa partikolari. Kellna wkoll xi strixxuni li wkoll poġġejniħom b'mod prominenti fil-grounds ewlenin biex il-messaġġ jasal f'dan ir-rigward.

**Intom ħadtu ħsieb li tinkludu djar u kommunitajiet li għalihom din kienet l-okkażjoni ta' ħajjithom ...**

Dak li qed tgħid huwa kollu minnu. Kellna ċ-ċans naħdmu ma' tfal, nisa fil-kommunitá, persuni bl-awtiżmu u riċentement kellna żjara mir-residenti ta' Dar Nazareth li ħadu pjaċir ferm bl-esperjenza li offrejnilhom. Kellna wkoll parteċipazzjoni mill-ALS Foundation immexxija minn Bjorn Formosa.

Għar-residenti ta' Dar Nazareth kienet esperjenza unika fejn minbarra li raw is-sessjoni ta' taħriġ tat-team nazzjonali Malti, kellhom iċ-ċans jaraw il-logħba riċenti li Malta laqgħet kontra r-Rumanija. Meta tara dik it-tbissima fuq wiċċhom stajt ninduna li ġest żgħir għamel differenza għalihom. Din l-esperjenza qed nirrepetuha anke ma' gruppi oħra u tista' tgħid li kellna suċċess kbir.

**Intom ħdimtu wkoll mill-qrib ma' skejjel oħra fosthom Helen Keller u Guardian Angel. X'kienu l-inizjattivi li ħadtu f'dan ir-rigward?**

Ma' dawn l-istudenti li jattendu f'dawn l-iskejjel ħadna ħsieb li nagħmlu żjarat partikolari u magħna kkollaboraw l-ALS Foundation. Persuni bħal Bjorn Formosa jispira nies b'diżabbiltá biex minkejja kull diffikultá li jgħaddu minnhom ma jaqtgħux qalbhom.

Riċentement kellna wkoll tfal miċ-ċentru Helen Keller li kienu qed jeskortaw lill-players qabel il-finali tal-FA Trophy. Esperjenzi bħal dawn ikunu uniċi għal dawn l-individwi u dan hu parti fundamentali mill-proġett ta' inklużjoni li norganizzaw.

**Intom qegħdin tagħmlu xogħol ferm nobbli. Iżda taħseb li hemm bżonn ikun hemm iktar pubbliċitá ta' dawn l-avvenimenti? Kemm jafu dwar din l-attivitá l-pubbliku in ġenerali?**

Fil-verità jkollna ħafna rispons min-nies li jaraw l-isforzi li qed nagħmlu speċjalment meta ninkludu lil kulħadd. Fil-fatt l-għan tagħna għal dan is-sajf hu li nilħqu aktar nies apparti li nagħmlu pubbliċitá fuq dak li qed nagħmlu. Hemm fejn nifirxu aktar u hekk ser nagħmlu.

Kif għedtlek aktar qabel, għandna madwar 700 ruħ li qed jieħdu sehem f'din l-inizjattiva. Riċentement morna nżuru wkoll il-Faċilitá korrettiva ta' Kordin partikolarment dik is-sezzjoni fejn hemm iż-żgħażagħ biex nagħtu opportunitá lil dawn in-nies ukoll. Il-football kapaċi jagħmel il-mirakli u jgħaqqad dawn il-kommunitajiet.

**Xi pjani għandkom għall-futur?**

Għandna żewġ proġetti li jinkludu żona ta' inklużjoni f'dan l-isport u l-bini ta' ground f'Ħal Far. F'dan l-aħħar proġett għandna f'moħħna li ninkludu lir-residenti f'Ħal Far kif ukoll irġiel u nisa tal-akkwati li jkunu jistgħu jilagħbu football bla ħlas.

Preżentement dawn ser ikunu l-kontinwazzjoni taż-żewġ proġetti li semmejna aktar qabel. Madankollu waħda mill-inizjattivi ambizzjużi li għandi f'moħħi hi dik li bl-Ingliż insejħulha Descriptive Commentary System. Din il-faċilitá tippermetti għal dawk neqsin mid-dawl biex ikunu jistgħu jsegwu l-logħob tal-football li jkun qed jintlagħab fi ground partikolari u jkun hemm kummentarju kontinwu għalih.

Dan jista' jkun servizz ferm utli għal dawn it-tip ta' nies. Bħalissa għandna din il-faċilitá iżda qed ikollna nġorruha minn post għall-ieħor. L-għan tagħna għalhekk hu li jkollna sistema permanenti biex titgawda minn dawk li jiġu bżonnha. Bħalissa għaddejjin b'kuntatti biex clubs ġodda jingħaqdu magħna f'din l-inizjattiva. Fil-fatt f'Lulju ser nerġgħu nibdew u nkomplu fejn ħallejna. Qed nagħmlu dan b'imħabba kbira mhux biss lejn il-logħba tal-football iżda lejn dawn il-kommunitajiet li nafu li qed nħallulhom tifkira sabiħa b'dak li qed nagħmlu.

**Kif tista' tiddeskrivi din l-esperjenza personalment? Kemm hu importanti l-aspett soċjali fil-logħba sabiħa tal-football?**

Kif għedtlek, is-sodisfazzjon li qed nieħu b'dan il-proġett huwa enormi. Il-fatt li tara individwu li qatt ma ra player tal-football quddiemu jew inkella qatt ma mar il-ground u jagħmillek dik it-tbissima fuq wiċċu hi xi ħaġa li ma tistax tiddeskriviha. Forsi għalina li nkunu l-ħin kollu l-ground nistagħġbu iżda fil-verità jeżistu dawn it-tip ta' individwi fis-soċjetá tagħna. Il-fatt li tajt opportunitá lil dawn il-persuni biex għal ftit ħin jintegraw magħna timlini b'aktar kuraġġ biex naħdmu aktar.

Meta aħna qed nippromwovu l-logħba tal-football fost il-kommunitajiet, qed inkabbru l-għarfien ġenerali kemm huwa ta' bżonn li kollha kemm aħna nagħtu daqqa t'id. Aħna rridu soċjetà li tagħti każ u tinteraġixxi ma' dawn in-nies. Hekk biss nistgħu naraw li jkollna Malta magħquda. Nerġa' nirrepeti: il-football jagħmel il-mirakli għax jgħaqqad lil kulħadd flimkien.

> "Huwa proġett li prattikament ninkludu fih lil kulħadd irrispettivament mir-razza, sess jew abbiltá."










IL-MALTI/AWSTRALJAN LI REBAĦ L-UNUR TAL-ISPORTIV TAS-SENA

# JORDAN GUSMAN



INTERVISTA

**Jordan Gusman - atleta Malti-Awstraljan li f'dawn l-aħħar snin għamel isem għalih u anke għal pajjiżna fl-atletika. Rebaħ żewġ midalji tad-deheb fl-edizzjoni li għaddiet tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fil-Montenegro, bil-qofol ta' kollox jintlaħaq nhar is-Sibt 22 ta' Frar li għadda meta ġie vvutat bħala l-Isportiv tas-Sena waqt is-serata finali tal-iSportMalta Awards - l-Għażliet Sportivi Nazzjonali.**

**Kif bdiet l-imħabba tiegħek lejn l-atletika?**

Meta kont żgħir kont inbati minn attakki kontinwi tal-ażżma. It-tobba tal-familja kienu ssuġġerew li naqbad xi tip ta' attività sportiva sabiex b'xi mod niġġieled dawn is-sintomi. B'hekk il-ġenituri tiegħi daħħluni ma' club tal-atletika meta kelli sitt snin u sa 12-il sena ma kellix bżonn nuża aktar inhalers. Fil-verità sirt inħobb dan l-isport u minn hemm qatt ma ħarist lura.

**Tista' tiddeskrivi l-esperjenza tiegħek waqt il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru f'Montenegro u fejn int irbaħt żewġ midalji tad-deheb?**

Diġà kelli ċ-ċans nitkellem dwar din l-esperjenza fil-passat. Ir-raġuni għaliex ridt nirrappreżenta lil Malta f'dawn l-aħħar snin kien proprju minħabba l-familja tiegħi u b'mod partikolari n-nannu tiegħi. B'xorti ħażina ftit ġimgħat wara li ħadt sehem b'suċċess fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, in-nannu kien ħalla din id-dinja. Għalhekk nibqa' ngħid li meta pparteċipajt f'dan il-logħob tal-Montenegro, inqisu bħala l-aqwa mument tal-karriera tiegħi u li diffiċli ninsih.

**Xi tħoss meta tirrappreżenta lil Malta f'avveniment tal-atletika?**

Nibqa' ngħid li n-nannu kien dak il-bniedem li xprunani ħafna u tani ħafna kuraġġ speċjalment fil-mumenti diffiċli tiegħi. Inqis lin-nannu bħala parti mit-tfulija tiegħi. Konna ngħixu f'post ħdejn il-baħar u kont kburi li jien Malti speċjalment għax kont differenti mit-tfal l-oħra Awstraljani. Huwa għalhekk li ngħid li hu unur għalija li nirrappreżenta lil Malta. Nista' ngħidlek li rċevejt kliem ta' tifħir minn diversi Maltin u ta' dan nixtieq nirringrazzjahom.

**Kif tiddeskrivi l-esperjenza preżenti li għaddej minnha fl-Istati Uniti?**

Nista' ngħidlek li l-perjodu fl-Istati Uniti qed ikun ta' suċċess għalija u nqis din l-esperjenza bħala kruċjali għall-iżvilupp tiegħi bħala atleta. Nista' nsemmi lil Tinman Elite Team li s'issa għamlu l-ħajja tiegħi faċli u laqgħuni ferm.

Bħalissa ninsab f'Colorado u ilni hawn għal dawn l-aħħar sitt ġimgħat. Irnexxieli niġri u ntejjeb il-ħinijiet personali tiegħi kemm fit-tlielaq tat-3,000 metru kif ukoll f'dik Olimpika tal-5,000 metru li kelli ċ-ċans nieħu sehem fihom fl-Università ta' Boston.

**Kif qed tipprepara għal-Logħob Olimpiku ta' Tokjo?**

S'issa miexi tajjeb fil-preparazzjoni tiegħi għal-Logħob Olimpiku, f'Tokjo, li se jsiru dan is-sajf li ġej. S'issa kelli wkoll tliet ħinijiet tajbin fi tliet






> ...irid ikun hemm imħabba kbira lejn l-isport li tkun qed tipprattika irrispettivament tal-etá, forma fiżika u livell ta' talent.

tiġrijiet partikolari. Qed inħossni f'forma fiżika mill-aqwa minħabba li qed nagħmel sessjonijiet ta' taħriġ intensivi iżda pożittivi.

Ninsab ixxurtjat minħabba li bnejt mhux biss ħbiberiji speċjali iżda wkoll grupp ta' segwaċi li jagħtuni kuraġġ il-ħin kollu. Jekk kollox jibqa' sejjer hekk se nipprova navvanza kemm nista' f'dan il-logħob importanti fuq livell mondjali.

**Kif ħassejtek meta sirt taf li rbaħt l-unur tal-Isportiv tas-sena?**

Irnexxieli nżid is-segwaċi tiegħi li fuq kollox ivvutawli u għażluni f'dan l-avveniment li kien hemm m'ilux. Il-fatt li jien Awstraljan iżda mwieled f'Malta setgħet għamlet xi ftit ta' differenza tant li kont xi ftit xettiku dwar kemm nista' nikkompeti għal dan l-unur. Minkejja kollox, rajt imħabba kbira mill-poplu Malti u dan l-unur jixhed kollox.

**Kif qed tarah il-futur tiegħek?**

Bħalissa ninsab kompletament iffukat fuq il-Logħob Olimpiku. Wara dawn il-logħob ma nafx x'nista' nivvinta. Forsi nipprova l-maratona. Issa naraw!

**Tista' tgħaddi messaġġ finali lil dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jibdew karriera fl-atletika?**

L-ewwel u qabel kollox irid ikun hemm imħabba kbira lejn l-isport li tkun qed tipprattika irrispettivament tal-etá, forma fiżika u livell ta' talent. Li nista' ngħid hu li f'kull sport li tipprattika jkollok memorji sbieħ u tiltaqa' ma' diversi nies ġodda.

Jien ngħidilhom sabiex jieħdu gost imbagħad bil-mod il-mod tibda tara sa fejn tista' tasal.

Naċċerta lil kulħadd li l-ġiri u l-atletika huma attivitajiet mill-isbaħ li wieħed għandu jipprattika.

# LISA BEZZINA




## L-ISPORTIVA TAS-SENA U L-VJAĠĠ TAGĦHA FL-ATLETIKA

INTERVISTA

**Lisa Bezzina - atleta li f'dawn l-aħħar snin għamlet isem għaliha u anke għal pajjiżna fl-atletika. Wara li fil-passat hija affrontat xi diffikultajiet relatati mal-isport, fejn ħasset li setgħet tikseb ħinijiet aħjar, l-aħħar staġun kien l-aħjar wieħed fil-karriera tagħha, fejn għamlet isem u unur kbir lil pajjiżna permezz tar-riżultati li rreġistrat speċjalment fil-Maratona ta' Sevilla, fi Spanja. Il-kulminu ta' kollox intlaħaq, nhar is-Sibt 22 ta' Frar li għadda, meta ġiet ivvutata bħala l-Isportiva tas-Sena waqt is-serata finali tal-iSportMalta Awards - l-Għażliet Sportivi Nazzjonali.**

**Kif beda l-interess tiegħek fl-atletika?**

Kelli biss 12-il sena u kont immur l-iskola ta' Marija Assunta meta l-għalliem tal-PE, Frederick Borg, kien ħajjarni biex nibda nipprattika l-atletika u għamilt l-ewwel tellieqa tal-400 metru li saret fl-iskola stess. B'sorpriża kont irbaħt din it-tellieqa u għalhekk is-Sur Borg kien qalli biex nieħu sehem fl-iSports Day tal-iskejjel, u barra minn hekk kien ħajjarni wkoll biex ningħaqad ma' club tal-atletika u b'hekk dħalt ma' Libertas fejn kien membru s-Sur Borg stess.

**Kif komplejt tevolvi f'dan l-isport?**

Waslet l-isports day fejn irrappreżentajt lill-iskola tiegħi kontra l-iskejjel kollha ta' Malta. Ma niftakarx kif kont mort bħala ħin - li niftakar hu li rbaħt midalja u li s-Sur Borg ġie jifraħli u qalli li kont mort tajjeb ħafna. Huwa kien ltaqa' ma missieri u qallu biex jiena nibda ninżel tliet darbiet fil-ġimgħa l-Marsa fejn it-trakka kienet tar-ramel.

Missieri beda jniżżilni l-Marsa u wara ftit ta' żmien ġie avviċinat mill-mibki John Walsh li kien l-aktar coach kwalifikat ta' dak iż-żmien. Huwa staqsa lil missieri jekk kellix coach u u wera x-xewqa li jittrenjani hu.

Bla tlaqliq ta' xejn, John kien kollox għalija. Kien sar it-tieni missier tiegħi, kien l-akbar ħabib tiegħi ... u kien jieħu ħsiebi qisni t-tifla tiegħu. Minn hawn 'il quddiem jien ma ħaristx lura u wara tliet xhur ta' taħriġ ħadt sehem fit-tlielaq tal-Kampjonati ta' Malta tal-Atletika fit-800 u l-1500 metru u mhux talli irbaħthom imma waqqaft rekord nazzjonali tal-Youths fuq dawn id-distanzi. Jien erġajt irrepetejt dawn is-suċċessi sena wara l-oħra kemm fit-trakka kif ukoll fit-triq.

John kien ukoll il-coach ta' Carol Galea (illum Carol Walsh) li kienet iċ-champion tal-kbar u kont insib għajnuna kbira mingħandha. Ta' 15-il sena ħadt sehem fil-FISEC Games f'Bath, l-Ingilterra, u ġrejt it-3000 metru fejn irbaħt id-deheb u waqqaft rekord ġdid f'din it-tellieqa.

F'din is-sena wkoll ġejt magħżula biex nieħu sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li kienu saru fil-Lussemburgu, fejn kont l-iżgħar atleta u missieri tela' flimkien mal-coach tiegħi biex jaranI. Niftakar li kien telagħli d-deni - kont ħadt riħ u kont imkissra imma xorta ġrejt it-800 metru għalkemm ma tantx mort tajjeb.

Fis-snin ta' wara bqajt nirbaħ dawn it-tlielaq sakemm għalaqt it-18-il sena meta qlibt mal-kbar u għalhekk bdejt nikkompeti kontra Carol li dejjem għaddietni. Ħafna drabi kont nispiċċa t-tieni u l-istess fit-tlielaq tat-triq.

Kien f'dan iż-żmien li ltqajt mar-raġel tiegħi Chris Bezzina u mill-ewwel ħajjartu biex jibda jittrenja l-atletika. Bqajt attiva u fl-2003 jiena u Chris iżżewiġna u komplejt għaddejja bit-taħriġ u bir-rebħ ta' midalji ta' deheb fuq distanzi tat-800 u l-1500 metru.

Fl-2005 ikkwalifikajt għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li kienu saru f'Andorra u hemmhekk ħadt sehem fi tliet tlielaq f'perjodu ta' sebat ijiem. Fit-



800 metru rbaħt il-bronż u fl-1500 metru dħalt ir-raba' u fl-10000 metru rbaħt il-fidda.

Dan kien wieħed mill-aktar perjodi feliċi fil-ħajja atletika tiegħi. Tista' timmaġina lill-coach tiegħi u lil missieri li kienu preżenti x'għamlu f'Andorra. Issa bdejt nieħu sehem f'ħafna kompetizzjonijiet internazzjonali fosthom f'Kampjonati Ewropej f'Istanbul, l-Islanda, is-Serbja, Monaco u fl-Azerbaijan.

**Minn x'hiex għaddejt bejn l-2009 u l-2015?**

Fl-2009 kellna l-ewwel wild tagħna li semmejniha Chanell. Wara tliet xhur li kelli t-tifla bdejt it-taħriġ biex nikkwalifika għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li kellhom isiru f'Liechtenstien, jiġifieri, fis-sena ta' wara, fl-2011. John kien qalli biex nibdew it-taħriġ għall-kompetizzjonijiet tal-5,000 u l-10,000 metru u tista' tgħid li kif waslu dawn it-tlielaq kont ippreparata sew u ksibt l-aħjar riżultati ta' ħajti meta rbaħt żewġ midalji tal-fidda.

Kif ġejna lura bdejna naħsbu għan-Nofs Maratona ta' Malta iżda d-destin ried mod ieħor għax f'Settembru ta' dik is-sena John Walsh tah ħass ħażin waqt li kien qed jittrenja u miet. Dan kien l-akbar xokk ta' ħajti u ma stajx nemmen waqt li kont mibluha b'dak li kien ġara.

Dan għax tlift it-tieni missier tiegħi u l-akbar ħabib li kelli. Bdejt naħseb li nieqaf mit-taħriġ u kien żmien diffiċli ħafna għalija, fejn li kieku ma kienx għall-kuraġġ li għamluli tal-familja speċjalment missieri, ir-raġel Chris u l-ħbieb li kelli mill-grupp tal-atleti ta' John ma nafx x'kont nagħmel!

Għalkemm bdejt it-taħriġ ma' coach ieħor, ma stajx naqbad art u bdejt immur lura u l-kuraġġ beda jħallini wkoll. Fl-2013 kelli t-tieni wild tiegħi, Logan, u wara dan iż-żmien iddeċidejt li nerġa' nibda nittrenja imma xorta ma stajx niġi fejn kont ma' John. F'Ottubru, 2015, ħadt id-deċiżjoni li nfittex coach ieħor u sibt lil Ivan Razhnov. Ma' dan il-coach erġajt bdejt ġejja f' tiegħi u wara xahrejn biss ta' taħriġ, bdejt nagħmel ħinijiet li qatt ma kont għamilt f'ħajti.

Biex naqta' fil-qasir, inqis is-snin bejn l-2015 u l-2020 bħala uniċi u tassew glorjużi fil-karriera tiegħi hekk kif fihom ksibt bosta suċċessi kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna. Fost dawn, ma nistax ma nsemmix is-suċċessi li ksibt fil-Maratona ta' Pisa, fl-Italja, u anke f'dik ta' Sevilla, fi Spanja.

**Huwa proprju rigward l-aħħar suċċesi li ksibt fil-bidu ta' din is-sena kalendarja li nixtieq insaqsik...**

Bdejt bin-Nofs Maratona ta' Sevilla f'Jannar, li għadda. Kont għadni kemm nibda staġun ġdid fejn ksirt ir-rekord nazzonali ta' Malta b'ħin ta' 1.17.07 fuq dak li kont ksibt f'Pisa, jiġifieri, 1.17.40.

Fraħt u vera bkejt bil-ferħ għall-fatt li fi żmien xahar irnexxieli nagħmel żewġ rekords. Minn qalbi nirringrazzja lill-coach tiegħi, Ivan Rozhnov, u lill-pacer tiegħi Jake Fenech. Wara komplejt inħares 'il quddiem fejn fi Frar irbaħt l-unur tal-Isportiva tas-Sena. Dan huwa l-aktar unur li atleta taħdem u tistinka għalih. Nista' ngħid li din kienet l-isbaħ ġurnata ta' ħajti.

Ġurnata biss wara, kelli l-Winter Championships b'rotta ta' 10km fil-Mosta fejn hemmhekk jiena għamilt l-aħjar ħin ta' ħajti, jiġifieri 35.24. Ovvjament, il-ferħ kbir li ħassejt f'dan tmiem il-ġimgħa qatt ma ħassejtu qabel. Dawn ir-riżultati żgur li ma ġewx b'kumbinazzjoni. Jiena vera atleta dedikata u nistinka biex jaslu dawn ir-riżultati.

**Tixtieq tgħaddi xi ringrazzjamenti?**

Iva. Minn qalbi, nixtieq nirringrazija lill-ġenituri u lir-raġel tiegħi tas-sapport kollu li jagħtuni, Inrodd ħajr ukoll lil SportMalta, l-MOC, l-MAAA u l-Għaqda Ġurnalisti Sport kif ukoll lil Metallform Malta, u l-isponsors kollha tiegħi jiġifieri NYOO, Inspire, Uncle Matt's Kitchen, Techno gym, Intersport, Garmin, Malta Challenge Marathon, il-fiżjo-terapista tiegħi Milos Stanisavljevic, Jan Farrugia u lill-club tiegħi Athleta Pembroke.

"Dawn ir-riżultati żgur li ma ġewx b'kumbinazzjoni. Jiena vera atleta dedikata u nistinka biex jaslu dawn ir-riżultati."

# FORMOSA u AQUILINA

## jkomplu fit-triq tar-rebħa ġewwa il-Miżieb



**Hekk kif l-istaġun 2020 ikompli għaddej, il-Malta Mountain Bike Association kompliet tattira folla tajba kif wieħed seta' jara riċentement ġewwa il-Miżieb. It-tieni tellieqa tas-serje Trustmoore Cross Country rat kważi 90 parteċipant. Ta'inkoraġġiment, kienet il-preżenza b'saħħita ta' rikkieba żgħar li ħadu sehem fil-kategoriji tal-Under 12 u l-Under 15. Dan inkluda kontinġent mdaqqas minn klabbs Għawdxin ta' Gozo Cycling Club, Shamrock Stars u TriGozo.**

**Il-korsa tal-Miżieb hija famuża għad-dawriet tekniċi, toroq dojoq u t-telgħat wieqfa. Din is-sena, l-Assoċjazzjoni iddisinjat ir-rotta mill-ġdid li kienet tinkludi numru ta'taqsimiet ġodda. Din il-bidla żiedet l-isfida għal parteċipanti li ppruvaw jassiguraw post fuq quddiem.**

**Elite**

Minkejja bidu mgħaġġel li ra lil Mark Bonnici (Agones SFC), Mark Zammit (Mosta AF Sign Studio) u Etienne Bonello (Team Greens) fuq quddiem, Maurice Formosa (The Cyclist) ftit wara ħa l-kmand sabiex żamm postu fuq quddiem fil-klassifka tal-Elite. Madankollu, Formosa xorta għandu jagħmel attenzjoni għal Brandon Sultana (Gozo Cycling Club) li qed jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu ma' kull tellieqa. F'din it-tellieqa minuta biss isseparaw it-tnejn. Sultana wkoll kellu jsostni prestazzjoni assertiva minn Mark Zammit li b'mod ċar kien qed jipprova jagħmel tajjeb għad-diżappunt tal-ewwel tellieqa fejn tilef post fuq il-podju għal millisekondi. Fit-tmiem tas-sit dawriet tal-korsa, kienu Formosa, Sultana u Zammit li ħadu l-ewwel, it-tieni u t-tielet post rispettivament.

**Sport**

L-akbar kategorija tal-ġurnata rat jieħdu sehem wieħed u għoxrin parteċipant. Din it-taqsima ma kinitx mingħajr azzjoni - partikolarment minħabba n-numru ta' problemi tekniċi u panċers tul it-triq. L-ewwel dawra rat lil Ariel Cruz (Shamrock Stars) imexxi il-grupp segwit minn Saviour Spiteri Peregin u James Hutchins (Mosta AF Sign Studio). Madankollu il-postijiet kienu qed jinbidlu u dan wassal biex Hutchins spiċċa l-ewwel. Huwa kien segwit minn Cruz u Gordon Zahra (BRC Wheel Wizard).

**40+**

Dennis Dolci (Agones SFC) ħa postu fuq quddiem segwit minn Ramon Grech (Agones SFC) u l-veteran tat-Team Berria Racing Italia, Patrick Scicluna. Matul l-erba' dawriet, madankollu kien Scicluna li rreġistra l-aħjar ħinijiet u kompla jirreġistra t-tieni rebħa tiegħu tal-istaġun. Fit-tieni post Ramon Grech (Agones SFC) għamel l-almu tiegħu biex jagħti battalja tajba lil Scicluna. Fit-tielet post daħal Dennis Dolci, li ħa l-ewwel podju tiegħu għall-istaġun.

**50+**

Enrico Bradamante (Agones SFC), irreġistra rebħa b'vantaġġ ta' kważi erba 'minuti fuq Gejtu Catania li daħal fit-tieni post. Wara Catania kien David Pace. Pace, li okkupa t-tieni post għall-ewwel nofs tat-tellieqa, ltaqa' ma' problemi tekniċi li rawh jiġri parti tajba mill-aħħar dawra iżda xorta rnexxielu jġib it-tielet post.

**Nisa**

Ħabta minuri fil-bidu tat-tellieqa rat lill Marie Claire Aquilina (Team Greens), li kellha postha fuq quddiem, taqa' lura u ċ-ċiklista l-oħra tat-Team, Danica Bonello Spiteri tieħu l-vantaġġ inizjali. Madankollu, id-determinazzjoni u l-ħila ta 'Aquilina ratha terġa tieħu postha fuq quddiem sabiex tirbaħ it-tellieqa b'vantaġġ ta' sitt minuti fuq Bonello Spiteri. Kien hemm distakk idjaq bejn Bonello Spiteri u Fiona Darmanin Tedesco (Mosta AF Sign Studio) b'din tal-aħħar ittemm it-tellieqa inqas minn minuta u nofs wara u tieħu it-tielet post.

**Juniors**

Kienet tellieqa bejn Clyve Chetcuti (Mosta AF Sign Studio) u Darren Sultana (Gozo CC). It-tellieqa rat lil Chetcuti jżomm postu fuq quddiem biex jirbaħ it-tellieqa.

Iktar informazzjoni tinsab fuq www.maltamountainbike.org

Maria Vella Galea



*Ritratti: Kieran Borg*

# ROYAL MALTA YACHT CLUB

## Imniedi l-Kalendarju tat-tlielaq tal-2020




"L-għan ewlieni ta' dawn l-ewwel avvenimenti huwa li jattiraw aktar dgħajjes fil-kategorija tal-Cruisers għal avvenimenti tal-Klabb. B'ħafna mid-dgħajjes tat-tlielaq bħalissa jkunu qegħdin jgħaddu minn manutenzjoni, kien tajjeb li wieħed jara ftit mill-baħħara tat-tiġrijiet jitilgħu abbord xi wħud mid-dgħajjes tal-cruising," spjega Peter Dimech, Rear Commodore (Sailing), Royal Malta Yacht Club. "

**Il-Kalendarju tat-Tlielaq tar-Royal Malta Yacht Club għall-2020 tnieda dan l-aħħar u kien pjanat biex jolqot l-interessi diversi li hemm fost il-membri tal-Klabb. Dan il-kalendarju kien riżultat ta' kontribut minn grupp żgħir immexxi mir-Rear Commodore (Sailing) Peter Dimech. L-ewwel avvenimenti fuq il-kalendarju kienu sensiela ta' Coastal Cruises li seħħew fuq medda ta' ħames stadji, bl-aħħar waħda tkun waħda itwal madwar Kemmuna.**



L-għan ewlieni ta' dawn il-cruises kien li jattira aktar jottijiet tal-klassi Cruisers għall-avvenimenti tal-Klabb. Bil-biċċa l-kbira tad-dgħajjes li jtellqu bħalissa jinsabu fuq l-art għall-manutenzjoni annwali, l-ekwipaġġi ta' dawn il-jottijiet kellhom l-opportunita' li jieħdu sehem f'dawn l-avvenimenti fuq dgħajjes oħra. Il-korsa ta' dawn il-cruises kienu qosra u ġew deċizi skont il-kundizzjonijiet tat-temp tal-ġurnata.

Matul ix-xahar ta' Marzu il-Klabb organizza numru ta' attivitajiet oħra partikolarment fil-festa ta' San Ġużepp fejn saru numru ta' tlielaq f'Għawdex kif ukoll barra mill-port ta' Marsamxett. Fi tmiem ix-xahar ser ikun hemm tellieqa Single Handed madwar Kemmuna. L-ewwel impenn il-bogħod minn xtutna iseħħ fi tmiem il-ġimgħa tal-ewwel ta'Mejju fejn issir it-tellieqa tradizzjonali lejn Sqallija. Bħal ma jiġri is-soltu jkun hemm tellieqa lejn Sqallija il-ġimgħa u tellieqa lura lejn Malta l-Ħadd. Fil-ġurnata tas-Sibt l-ekwipaġġi jgawdu minn ħin liberu filwaqt li attivita' soċjali ssir is-Sibt filgħaxija.

*Iktar informazzjoni dettaljata dwar il-kalendarju tat-tlielaq tar-Royal Malta Yacht Club tinsab fuq https://www.rmyc.org/event-type/races/*

Maria Vella Galea

ENEMED CUP 2020

# SAN ĠILJAN FAVORITI EXILES JISSORPRENDU

## Sitt timijiet qed jieħdu sehem fil-kompetizzjoni

L-ASA tat bidu għall-kompetizzjonijiet tal-waterpolo fl-2020 b'edizzjoni oħra tal-Enemed Cup bis-sehem ta' sitt timijiet biss mill-ħdax-il klabb affiljat mal-ASA. Minn dawn ħamsa huma mill-Kampjonat Premier u tim wieħed biss mill-Ewwel Diviżjoni. Din il-kompetizzjoni li tintlagħab fix-Xitwa tintemm bil-finali fit-22 ta' Marzu



It-timijiet parteċipanti huma San Ġiljan Tum Invest, Neptunes Leo Vegas, Sliema Frank Salt, Exiles Elia Caterers, Sirens Greentube u M'Skala Fish & Fish. It-timijiet li mhux qed jieħdu sehem huma Valletta, Ta' Xbiex, Marsaxlokk, B'Bugia u Otters F'dan il-kampjonat m'humiex jilagħbu players barranin u l-kampjonat qed jintlagħab fil-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq.

Minn dawn it-timijiet San Ġiljan huma l-favoriti f'din il-kompetizzjoini. Exiles kien it-tim sorpriża waqt li mistennija jkunu mal-aħħar erbgħa Sliema u Sirens. Neptunes u Marsaskala bħalissa huma l-inqas timijiet fil-kompetizzjoni.

Il-favorit San Ġiljan immexxija mill-kowċ Malti Dorian Pisani li s-sena l-oħra kien kowċ ta' Marsascala u għenhom jirbħu double fl-Ewwel Diviżjoni qed jillidjaw il-kampjonat b'erba' rebħiet minn erba' logħbiet. San Ġiljan qed jilagħbu mingħajr Matthew Zammit li qed jilgħab fl-Italja. San Ġiljan bdew b'rebħa kontra Marsaskala.

San Giljan rebħu lil M'Skala 14-1, Exiles 11-4, Sliema 6-5 u Sirens 14-8, Jonqoshom id-derby kontra Neptunes qabel jgħaddu jilagħbu fil-fażi finali li trid tlaqqa' l-ewwel klassifika kontra r-raba' u t-tieni kontra t-tielet. Dawn il-logħbiet se intlagħbu fid-19 ta' Marzu u l-final u l-logħba għat-tielet u r-raba' post issir fit-22 ta' Marzu.

Sal-logħbiet tar-raba' ġurnata li ntlagħbu fit-8 ta' Marzu, Exiles jinsabu fit-tieni post wara li fost ir-rebħiet li kisbu għelbu lil Neptunes 9-8 u Sliema 7-4. Immexxija mill-kowċ ġdid Igor Vukanovic Exiles li l-aħħar logħba tal-league hi kontrx Sirens għelbu wkoll lil M'Skala 11-4 imma tilfu bl-istess skor kontra San Ġiljan.

Fit-tielet post hemm żewġ timijiet b'sitt punti kull wieħed Sirens u Sliema. Sirens immexxija mill-kowċ Marco Orlovic kellhom jiddebuttaw magħhom f'dan il-kampjonat l-eks player ta' Neptunes Ken Erdogan u Matthew Azzopardi.

Orlovic iddebutta b'telfa ta' 9-3 kontra Sliema. Wara kellhom żewġ rebħiet infila kontra M'Skala 15-3 u Neptunes 14-11. Sirens tilfu fl-aħħar ħarġa tagħhom kontra San Ġiljan 14-8. Sliema ta' Sergio Afric li ddebutta magħhom il-goalkeeper Nicky Grixti u rritorna magħhom John Brownrigg rebħu żewġ logħbiet minn erbgħa. Fetħu b'rebħa ta' 9-3 kotnra Sirens u għelbu lir-rivali Neptunes 11-10. Wara tilfu 6-5 kontra San Ġiljan u 7-4 kontra Exiles

Neptunes taħt it-tmexxija tal-kowċ Jovin Popovic akkwistaw biss rebħa waħda minn erba' logħbiet u din kienet fuq Marsaskala 14-3. Neptunes għandhom tim totalment mibdul mis-sena l-oħra għaliex bħalissa għandhom lil Stevie Camilleri, Jeremy Abela u Jake Muscat qed jilagħbu f'kampjonat barra minn Malta u wkoll lil Jordan Camilleri mweġġa minbarra li tilfu s-servizzi tal-players Ken Erdogan, Niki Lanzon u Matthias Azzopardi li ħallew il-klabb.

Neptunes wara t-telfiet kontra Exiles 9-8, Sliema 11-10 u Sirens 14-11 mistennija jibqgħu barra mill-aħħar erba' jekk ma jirbħux kontra l-leaders fid-derby tal-Balluta konra San Ġiljan.

Marsaskala li hu l-uniku tim mill-Ewwel Diviżjoni li qed jieħu sehem f'din il-komeptizzjoni kienu għadhom mingħajr punt wara erba' logħbiet u dan ifisser li huma eliminati milli jispiċċaw mal-ewwel erbgħa. Immexxija minn Christof Cauchi, M'Skala tilfu 14-1 konra San Ġiljan, 15-3 konra Sirens, 11-4 kontra Exiles u 14-3 kontra Neptunes.







## Il-Kampjonat tax-Xitwa tal-waterpolo jibda f'April

L-edizzjoni ta' dan is-sena tal-Kampjonat tax-Xitwa se tibda t-Tlieta 7 ta' April u tintemm is-Sibt 9 ta' Mejju. Il-ħdax -il klabb sitta tal-Premier u ħamsa tal-Ewwel Diviżjoni, affiljati mal-ASA se jieħdu sehem bit-timijiet tagħhom. Il-Bank of Valletta se jerġa' jisponsorja dan il-kampjonat. Meta ttellgħu l-poloz Anthony Scicluna rappreżentant tal-BOV qal li hu pjaċir għalihom li jkomplu jagħtu l-appoġġ lil dan il-kampjonat li jservi ta' preparazzjoni tajba għall-Kampjonat tas-Sajf. Il-logħob tal-ewwel ġurnata hu dan:

**Kampjonat Premier**

It-Tlieta 7 ta' April
7.30pm San Ġiljan v Exiles
L-Erbgħa 8 ta' April
7.15pm Marsaxlokk v Sliema
8.30pm Sirens v Neptunes

**L-Ewwel Diviżjoni**

It-Tlieta 7 ta' April
6.15pm Otters v Birżebbuġa
L-Erbgħa 8 ta' April
6.00pm Valletta v Ta' Xbiex
M'Skala fl-ewwel ġurnata jkunu bye.



# DEJAN GRECH

## CHAMPION EWROPEW

**Għat-tmien darba fl-istorja tal-Pool ġewwa pajjiżna l-Malta Pool Association ġiet fdata biex torganizza l-kampjonati Ewropej f'pajjiżna. F' dawn il-kampjonati, li ntlagħbu ġewwa Dolmen Hotel, Qawra, irreġistraw numru rekord ta' parteċipanti b'total ta' aktar minn 540 player fi tmien kategoriji u mhux anqas minn 82 tim.**

Bla dubju ta' xejn l-akbar suċċess ġie miksub minn Dejan Grech li ħareġ rebbieħ u ġie dikjarat champion Ewropew fil-kategorija ndividwali tal-kategoriji taż-żgħażagħ ta' taħt il-tlieta u għoxrin sena. Grech kellu prestazzjonijiet mill-aqwa meta fil-finali għeleb lil player Irlandiż Morgan Thomas bl-iskor ta' 7-3. Grech kiseb suċċess ieħor meta rnexxilu jasal sas-semi finali tal-kampjonati ndividwali ta' l-irġiel meta sofra telfa minima ta' 6-7 kontra Giuseppe D' Imperio li rebaħ il-kampjonati. Player ieħor li ddistingwa ruħu fl-istess kampjonati ndividwali ta' l-irġiel kien Ray Caruana li safa' wkoll eliminat fis-semi finali bl-iskor ta' 6-7 minn Dave Fernandez.

Fi tmiem il-finali, Grech ikkummenta li kien ferm kuntent b'dan is-suċċess u għall-unur li għamel għal pajjiżu. "Nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lill-familjari tiegħi u lill-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Pool tal-appoġġ kollu tagħhom. Bis-saħħa tagħhom li rnexxieli nirbaħ dan l-unur," ikkummenta Dejan Grech.

Malta kienet rappreżentata b'għaxar timijiet fil-kategoriji ta' l-Irġiel, Under 18's, Under 23's, Over 50's u Over 60's. Tliet timijiet Maltin kisbu post fil-finali b' tim Malti minnhom jispiċċa jgħolli t-trofew. It-tim Malti C ta' l-irġiel rebaħ il-kategorija C ta' l-irġiel b' wirjiet stupendi bil-finali tintrebaħ kontra t-tim nazzjonali Belġjan C bl-iskor ta' 8-3. It-tim Malti li kien immexxi minn Joseph Aquilina kien kompost minn Kevin Mercieca, Antoine Aquilina, Clayton Castaldi, Warren Falzon, Daniel Grima u Rudolph Gellel.

It-tim Malti A ta' l-irġiel safa' megħlub fil-finali tal-kategorija mit-tim nazzjonali Ingliż A bl-iskor ta' 3-8 filwaqt li tim taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena tilef il-finali tiegħu bl-iskor ta' 2-5 kontra t-tim nazzjonali Irlandiż.

Tliet players Maltin rebħu l-unur ta' 'Player of the Tournament Award' li jingħata lil dawk il-players li l-aktar jirbħu logħob fil-fażi tal-gruppi ta' kull kategorija. Lyden Debono rebaħ il-kategorija A ta' l-irġiel, Antoine Aquilina rebaħ dik tal-kategorija C ta' l-irġiel filwaqt li Scott Muscat rebaħ il-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena.

POOL







"Nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lill-familjari tiegħi u lill-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Pool tal-appoġġ kollu tagħhom. Bis-saħħa tagħhom li rnexxieli nirbaħ dan l-unur"

# BOXING

## Super Charity Night f'Għawdex




GOZO SPORTS



Dan l-aħħar saret serata ta' Super Boxing Charity Night fil-Kumpless Sportiv t'Ghawdex. Din kienet organizzata minn Prize Boxing Promotions u kienet l-ewwel darba li saret serata ta' dan il-kalibru fil-gżira Ghawdxija. Fost il-boxers rinomati li ħadu sehem kien hemm Super Steve Martin, Garth Galea, Demis Tonna kif ukoll żewġ boxers Ghawdxin Paulson Cassar u Mario Vella. Mistiedna għal din is-serata kien hemm boxers mir-Renju Unit li jiffurmaw parti mit-Team GBBU li ġġieldu kontra boxers lokali. Il-qliegħ minn din is-Super Boxing Charity Night mar għall-Malta Trust Foundation. Bla dubju dan kien avveniment li żgur offra spettaklu lil kull dilettant tal-boxing li attenda.



Quddiem pubbliku ferm numeruż is-serata bdiet bi ġlieda ta' esebizzjoni fuq erba' rawnds bejn l-aħwa Alan u Johann Xuereb. Segwew żewġ żgħażagħ ferm promettenti fejn Dyson rebaħ lil Myron fi ġlieda mill-iktar eċċitanti ta' tliet rawnds. Is-Sirjan Simar Hala fil-Kategorija ta' 70Kg iddomina kontra Domn Mardel fi ġlieda ta' erba' rawnds. Wara kien imiss ġlieda fuq erba' rawnds tas-67Kg fejn hawn Enrigue Camilleri rebaħ lil Jurgen Mallia, filwaqt li wara Isaac Spiteri rebaħ kontra Aaron Sandhu fi ġlieda tad-69Kg fuq sitt rawnds.

Wara kien imiss il-ġlieda tant mistennija fuq rawnd wieħed mingħajr il-ħin fil-kategorija tas-66 Kg fejn hawn Super Steve Martin ħa 8 minuti u 16 -il sekonda biex rebaħ kontra l-iSkoċċiż Mater Sambou. Wara daħal fix-xena l-ewwel boxer Għawdxi, Mario Vella mix-Xagħra li fi ġlieda kumbattuta tad-91+ fuq erba' rawnds ħareġ rebbieħ kontra Demis Tonna li kien qed jagħmel ir-ritorn tiegħu għal din l-okkażjoni wara nuqqas ta' seba' snin fost is-sapport qawwi tal-pubbliku sportiv Għawdxi. Wara din il-ġlieda apparti li nbiegħu bl-irkant l-ingwanti awtografati taż-żewġ boxers fejn inġabru €1420 għal karita', kommoventi kien il-messaġġ ta' Mario Vella fejn semma l-memorja taż-żagħżugħa Christine Gauci ta' 35 sena mir-Rabat Għawdex li ftit siegħat biss qabel kienet tilfet ħajjitha f'mewta traġika meta sabet ruħha f'diffikultà hekk kif kienet qed tipprattika wieħed mill-passatempi tagħha, l-għads ta' taħt il-baħar. Vella ddeskreviha bħala mara altruwista, mimlija enerġija, avventuruża u b'qalb tad-deheb. Hawn ukoll kienet osservata minuta silenzju għal memorja tagħha segwita minn applawsi kbar.

Wara daħal fix-xena l-boxer l-ieħor Għawdxi Poulsen Cassar fejn dan ħa sehem fil-ġlieda ta' erba' rawnds tad-91+ li iżda tilef kontra Wesley Mantell. Suċċess ieħor Brittaniku wasal fil-ġlieda ta' wara fuq sitt rawnds fil-kategorija tas-70Kg fejn hawn Gary Hudson ħareġ rebbieħ kontra Garth Galea. Is-serata intemmet fis-siegħat bikrin ta' filgħodu bi ġlieda tas-77Kg fejn Svein Zammit u Arvdas Maliusis spiċċaw fi draw. Wara s-serata ż-żewġ organizzaturi Demis Tonna kif ukoll Steve Martin qalulna li qed iħarsu b'ottimiżmu qawwi għal iktar avvenimenti simili f'Għawdex fejn issa li bdew bil-wirjiet fil-gżira ta' tliet għoljiet ser ikomplu jagħmlu dan fejn issa qed jippjanaw li jorganizzaw attivita' oħra simili fix-xhur tas-sajf li ġej. Finalment huma xtaqu jirringrazzjaw lill-isponsors prinċipali tas-serata li kienu: GMC Transport Co Ltd, C. Cassar Service Station Ltd Fuel Suppliers, Accounting Services, Beehive Snack Bar, Bismarck Meat, Rosso Pizza & Pasta, World Plastering Ltd, The Malta Trust Foundation, Malta Nutrition, Gusvend Service, Fight Factory u Cremona Meats.

*Joe Bajada*









# SKAMBJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-QASAM TAL-ISPORT



**L-Erasmus+ hu l-programm tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għall-perjodu 2014-2020. Tipikament nassoċjaw l-Erasmus+ mal-opportunità għal studenti fl-edukazzjoni terzjarja li jqattgħu perjodu ta' studju barra minn Malta. Apparti hekk, l-Erasmus+ joffri bosta opportunitajiet, bħal pereżempju, l-iskambji taż-żgħażagħ.**

**X'inhuma skambji taż-żgħażagħ?**

Proġetti ta' skambji taż-żgħażagħ huma fost l-iktar fondi Ewropej li huma aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet b'riżorsi limitati, għaliex għandhom proċess tal-applikazzjoni relattivament faċli. Dan japplika wkoll għal meta jiġu għall-implimentazzjoni.

L-iskambji taż-żgħażagħ jippermettu li gruppi ta' żgħażagħ (ta' bejn l-età ta' 13 u 30 sena) minn mill-inqas żewġ pajjiżi differenti, jiltaqgħu flimkien biex bl-appoġġ tal-mexxejja tal-grupp, iwettqu programm ta' ħidma (taħlita ta' workshops, dibattiti, attivitajiet fuq barra, eċċ.) imfassla u mħejjija qabel l-iskambju.



Importanti li nenfasizzaw li l-iskambji taż-żgħażagħ huma mibnija fuq il-kunċett tal-edukazzjoni mhux formali, jiġifieri barra mill-ambjent ta' skola. Permezz ta' sensiela ta' attivitajiet prattiċi, l-iskambji jippermettu li ż-żgħażagħ jiżviluppaw b'mod attiv il-ħiliet u l-kompetenzi personali tagħhom, jiskopru kulturi u stili ta' ħajja ġdida, u jsaħħu l-valuri bħas-solidarjetà, id-demokrazija u l-ħbiberija. Apparti minn hekk, skambji taż-żgħażagħ normalment ikunu marbuta ma' tema soċjalment rilevanti, bħal ngħidu aħna l-integrazzjoni, iċ-ċittadinanza attiva, u l-integrazzjoni ma' persuni bi żvantaġġi soċjali jew ekonomiċi.

L-ammont finanzjarju li jingħata għal dawn l-iskambji taż-żgħażagħ huwa mfassal skont sistema ta' regoli finanzjarji fissi. Wieħed jingħata kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-parteċipanti (skont id-distanzi tal-ivjaġġar), appoġġ għal spejjeż marbutin b'mod dirett mal-organizzazzjoni tal-iskambju u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet, kif ukoll appoġġ għal spejjeż addizzjonali marbutin direttament mal-parteċipanti b'diżabilità u/jew spejjeż oħra eċċezzjonali marbutin, fost l-oħrajn, mal-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskambju b'mod ugwali bħall-oħrajn.

Biex wieħed japplika għal skambju taż-żgħażagħ, irid jimla formola elettronika li fiha jipprovdi detalji dwar il-proġett. Għal dawn it-tip ta' proġetti hemm tliet dati ta' skadenzi fis-sena – waħda fi Frar, oħra f'April u l-aħħar waħda f'Ottubru.

### Skambji taż-żgħażagħ fil-qasam tal-isport

Filwaqt li hija possibbli li għaqdiet sportivi japplikaw għal skambju, wieħed irid jifhem li skambji taż-żgħażagħ mhux qegħdin hemm sempliċiment biex Youth Nurseries isiefru barra minn Malta għal taħriġ jew kompetizzjonijiet. L-isport jista' jkun dik il-bażi komuni bejn il-parteċipanti li fuqu jkunu mibnija l-attivitajiet tal-iskambju li permezz tagħhom dawk involuti jesploraw temi interessanti, u jiżviluppaw lilhom infushom.

Eżempju ta' skambju taż-żgħażagħ fil-qasam tal-isport li kien ta' suċċess kbir huwa tal-organizzazzjoni Frame Football Malta, li wettqu proġett imsejjaħ 'Diverse' fl-2019.

Frame Football Malta riedet twettaq dan il-proġett (i) għax temmen li l-isport jipprovdi benefiċċju ħolistiku lil kulħadd – b'mod partikolari persuni b'diżabilità - u għalhekk għandu jiġi promoss; u (ii) għax tħoss li teżisti ħtieġa kbira għal sport inklussiv fejn il-logħob jintlagħab f'ambjent ta' abbiltajiet imħallta.

F'dan il-proġett, Frame Football Malta, bi sħab ma' skola tal-futbol Taljana, laqqgħu numru ta' żgħażagħ fl-Italja, li ħafna minnhom kienu persuni b'diżabilità. L-għan tal-proġett kien li jużaw il-futbol bħala mezz biex il-parteċipanti żgħażagħ jitgħallmu s-sinifikat tal-inklużjoni, jifmhu aħjar l-importanza tal-isports għal saħħitna u jsiru jafu aktar x'opportunitajiet ta' impjiegi jeżistu marbutin mal-isport. Il-programm tal-attivitajiet kien wieħed varjat u interessanti immens, ibbażat fuq workshops u riflessjonijiet fuq it-temi tal-inklużjoni u esklużjoni mmexxijin miż-żgħażagħ stess u diskussjonijiet ma' nies esperti bħal psikologi u psikoterapisti. Kien jinkludi wkoll żjara fiċ-ċentru ta' taħriġ tekniku fil-grawnd ta' Bologna, u saħansitra anke laqgħa mal-president tal-Kap tal-Paralimpiċi fl-Italja. Naturalment, kien hemm ukoll ħin allokat biex dawn iż-żgħażagħ jilagħbu logħba futbol flimkien f'kuntest ta' timijiet b'ħiliet differenti, biex jipprattikaw dak li kienu qegħdin jiddiskutu.

### Il-MEUSAC jista' jgħinek

Minkejja l-fatt li skambji taż-żgħażagħ huma opportunitajiet tassew sbieħ u ta' benefiċċju għall-iżvilupp personali taż-żgħażagħ, għad hemm entitajiet li jaqtgħu qalbhom milli japplikaw għall-fondi biex iwettqu proġetti bħal dawn. Parti mir-raġuni hija minħabba li teżisti perċezzjoni li l-proċess biex organizzazzjoni b'riżorsi limitati tikseb fondi Ewropej huwa kkumplikat u burokratiku.

Kien proprju għalhekk li twaqqfet il-MEUSAC, biex thaffef dan il-proċess u tassisti għaqdiet mhux governattivi, skejjel, kunsilli lokali u entitajiet governattivi biex japplikaw b'suċċess għall-fondi kollha Ewropej.

Il-MEUSAC toffri servizz bla ħlas u personalizzat lil dawk l-entitajiet interessati li japplikaw għall-fondi Ewropej. Il-MEUSAC tagħti informazzjoni dwar x'fondi huma disponibbli għall-entità konċernata, kif ukoll għajnuna fl-iżvilupp tal-proġett, u saħansitra anke fil-mili tal-formola tal-applikazzjoni nnifisha.

Għalhekk, jekk tixtieq tesplora l-possibbiltà ta' skambju taż-żgħażagħ fil-qasam tal-isport, jew fondi oħra Ewropej, ikkuntattja lill-MEUSAC fuq funding.meusac@gov.mt jew 2200 3300.

> "Importanti li nenfasizzaw li l-iskambji taż-żgħażagħ huma mibnija fuq il-kunċett tal-edukazzjoni mhux formali, jiġifieri barra mill-ambjent ta' skola."

*Rebecca Zammit, Executive (Funding) MEUSAC*

# "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"

# ĊELEBRAZZJONI F'TA' QALI






**Fi tmiem ta' kull ċiklu, l-Aġenzija torganizza mawra għal parteċipanti. X'inhuwa l-ħsieb wara din l-attività?**

**L-Aġenzija torganizza din l-attività bħala inċentiv lill-istudenti biex ikomplu jagħmlu ħilithom u bħala turija ta' apprezzament lil-leaders u l-iskejjel tax-xogħol siewi u l-impenn li ħadu biex il-programm kien għal darba oħra suċċess.**

**Iċ-ċelebrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020. Ġiet organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b'kollaborazzjoni mal-Malta Football Association fl-Istadium Nazzjonali Ta' Qali fl-okkażjoni ta' tmiem is-sitt ċiklu tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/ Footballers' Read and Write Programme'. L-istudenti li jattendu l-iskejjel primarji ta' Ħal Qormi San Bastjan, il-Birgu, il-Marsa, l-Għarb, Valletta, l-Imġarr u B'Buġia kienu l-protagonisti ta' din l-attività edukattiva u kalċistika**

**X'kien il-programm tal-ġurnata?**

Il-ġurnata bdiet billi l-parteċipanti ltaqgħu fit-training grounds f'Ta' Qali. Kienu kollha lebsin il-gear tal-programm, b'kulur differenti skont iċ-ċentru tagħhom bil-kitba "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" fuq daharhom. Il-gwida, Peter Clark, li huwa ex-referee Ingliż ħa ħsieb juri u jispjega fid-dettall is-sezzjonijiet ewlenin u interessanti tal-istadium. Intwera wkoll dokumentarju interessanti dwar mumenti storiċi fl-istorja tal-futbol Malti kif ukoll dwar il-preparazzjonijiet meħtieġa qabel kull logħba tat-tim nazzjonali. Il-gwida spjega wkoll il-professjonijiet differenti li jagħtu kontribut fil-qasam tal-futbol.

Il-mawra ssoktat fil-kamra tal-intervisti sportivi fejn il-plejers jagħtu l-kummenti tagħhom wara l-logħob tal-Premier League tal-futbol u tan-Nazzjonal. Minn hemm kien imiss li t-tfal jidħlu fid-dressing room tat-tim nazzjonali Malti. Din il-kamra tixhed id-dixxiplina li jrid ikollok fil-logħba tal-ballun. Fiha l-istudenti raw ir-ritratti ta' kull plejer tan-nazzjonal u saħansitra l-gear li jilbes waqt il-logħob uffiċjali. L-eċitament laħaq il-qofol tiegħu meta t-tfal għaddew minn ġot-tunnel u ħarġu fil-grawnd fejn jintlagħbu l-partiti uffiċjali u logħob ieħor importanti. It-tfal kellhom ukoll il-privileġġ li jżuru t-Trophies Lounge.

Uħud mill-parteċipanti ntagħżlu sabiex jiġu intervistati minn ġurnalisti ta' diversi stazzjonijiet televiżivi lokali. Huma ġew mistoqsija dwar il-plejer favorit tagħhom u kif għenhom il-programm f'ħajjithom.







*Maria Cremona*

Ma setax jonqos li wara dan kollu t-tfal stess rifsu fuq it-turf tal-grounds fejn isir it-taħriġ tat-tim nazzjonali tal-futbol, din id-darba bħala plejers li qed jitrawmu f'dan l-isport.

Fi tmiem l-attività, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Owen Bonnici, u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, Clifton Grima, taw diskors qasir tal-okkażjoni. Imbagħad is-Sur David Muscat u il-Professur Charles Mifsud mill-Aġenzija u Bjorn Vassallo mill-MFA, ippreżentaw ir-rigali u ċertifikat bħala tifkira tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" lill-istudenti kollha li ħadu sehem f'din l-okkażjoni.

**Kif qed tħossukom issa li s-sitt ċiklu tal-programm wasal fi tmiemu?**

Ninsabu sodisfatti ferm issa li spiċċa l-programm. Però l-ikbar sodisfazzjon għalina huwa li naraw it-tfal jieħdu gost u li l-interess tagħhom fil-kotba kiber. Dan narawh mill-fatt li hekk kif bdejna dan is-seba' ċiklu tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" fi Frar 2020, f'bosta skejjel li qed naħdmu magħhom rajna titjib fil-livell tal-qari fil-parti l-kbira tat-tfal parteċipanti.

L-ikbar pjaċir tagħna huwa meta nisimgħu t-tfal jitkellmu dwar il-mumenti l-aktar għal qalbhom tal-programm u x'se jibqgħu jiftakru minn dawn is-sessjonijiet. Naturalment, nieħdu gost meta naraw li l-livell tal-qari tjieb, iżda m'hemm xejn isbaħ minn dawk l-uċuħ ferħanin u l-entużjażmu tal-parteċipanti ċkejknin tagħna.

# STORJA FOOTBALL MALTI



## FLORIANA JSOFRU r-raba' telfa konsekuttiva

**L-GĦAXAR ĠURNATA**

**06-02-1966:** Hibernians FC – Floriana FC 1-0
H.T 0-0
**Referee:** Anthony Galea
**Skorja:** E. Theobald (H) 60'.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera (Freddie 'Barbettu' Mallia 35'), Tony 'Il-Koku' Attard, Joe Serge (Lorry Young 46'), Edgar Caruana, Salvu 'Karettuni' Gatt, Freddie Delia, Norman Buckle, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Palun' Cassar, Frans Scerri.

**Floriana FC:** Tony Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Alfred Dymond, Anton Camilleri, Joe Grima, Hugh Caruana, Salvu Borg, Frankie Micallef, Louis Bugeja, Lolly Borg, Freddie Accarino.

1. Floriana kienu qed isofru r-raba' telfa konsekuttiva.
2. Fil-35 minuta d-difensur ta' Hibernians Johnnie Privitera weġġa' wara li ċarrat muskolu f'tackle ma' Alfred Dymond u kellu jittieħed l-isptar. Huwa tilef il-partita ta' Malta kontra Libja li ntlagħbet fit-13 ta' Frar.
3. Hibernians kellhom lura fit team lil Edgar Caruana li kien ilu nieqes minn Diċembru u lil Freddie Delia li kien falla l-aħħar partita ta' Hibernians meta kien jinsab fi Tripli mal-RAF.
4. Fit-2 ta' Frar 1966 il-Kunsill tal-MFA ħareġ il-clearance certificate lill-player ta' Floriana Pawlu Sammut sabiex dan ikun jista' jingħaqad ma' Mosta fit-Tieni Diviżjoni. Floriana ma kienux riedu joħorġulu ċ-ċertifikat u naqsu li jagħtu raġuni lill-Kunsill tal-MFA.
5. Hibernians kienu qed jagħmlu minn kollox biex jirranġaw id-differenzi mall-player Louis Theobald biex jilgħabuh fil-kompetizzjoni ġdida 'MFA League'. Dan il-League kellu jintlagħab hekk kif jintemm il-kampjonat u r-rebbieħ kellu suppost jieħu sehem fit-Tazza tal-Fieri (illum Europa League). L-aħħar dehra ta' Louis Theobald mall-club kienet fit-telfa ta' 4-0 kontra Sliema Wanderers fl-14 ta'Marzu 1965. Theobald fil-fatt irritorna fi friendly kontra Floriana fl-10 ta' Frar 1966 u lagħab il-bqija tal-istaġun mal-Pawlisti.
6. Minn naħa l-oħra Hibernians tilfu lil Victor Cassar għall-kumplament tal-istaġun wara li l-player iddeċieda li jerġa jmur l-Ingilterra. Cassar kien diġa' telaq lejn l-Ingilterra f'nofs l-istaġun ta' qabel meta kien jinsab fil-quċċata tal-klassifika tal-aqwa skorers qabel irritorna Malta fit-13 t'Ottubru u reġa' sab postu f'nofs l-attakk Pawlista.
7. Skond il-ġurnal 'Il-Ħaddiem' il-player Mario D'Agostino kien fl-ewwel ħdax ta' Floriana minflok Freddie Accarino.

---

**26-02-1966:** Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 2-2
H.T 1-1 **Referee:** Pawlu Bonett.
**Skurjaw:** F. Borg (B) 9', G. Zammit (Ħ) 33', R. Borg (B) 67' u N. Attard (Ħ) 75'.

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Micallef, Jimmy Spiteri, Patistu Attard, Carmelo 'Nene' Grech, John 'Il-Lolu' Zarb, Joe Cauchi, Ninu Attard, Karmenu Galea, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Edward Spiteri (Albert Calleja 46'), Gejtu 'Iċ-Ċajn'Zammit.

**Birkirkara FC:** Randolph Camilleri, Pawlu Barbara, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Joe 'Il-Waqu' Bonello, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Ġanni Saliba, Ġeraldu 'Ġillu' Pace, Charles Spiteri, Reno Borg, Freddie Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Il-kampjonat kien waqaf għal-ġimgħatejn minħabba l-logħba ta' Malta kontra l-Libja fit-13 ta' Frar u l-ġimgħa tal-Karnival f'Malta li kien sar fid-19 u 20 ta' Frar. Fil-Karnival kien waqaf il-logħob kollu tal-MFA anke tad-diviżjonijiet iż-żgħar fix-Schreiber. L-unika partita li ntlagħbet kienet friendly bejn Valletta u Malta li l-Beltin rebħu 2-1. Malta kellhom neqsin lill-players ta' Sliema Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joey Aquilina u Salvu Bonnici filwaqt li Josie Urpani u Borg Bonaci lagħbu mall-club Belti.
2. Tliet minuti mit-tmiem Gejtu Zammit falla penalty meta x-xutt tiegħu mar barra. Il-penalty kien ingħata għal foul ta' Nenu Saliba 'Id-Deppi' fuq Bertu Calleja. Hekk kif il-penalty ġie fallut 'Id-Deppi' Saliba tkeċċa mir-referee wara li deher jgħaddi xi rimarki lejn il-linesman.
3. 'Nene' Grech ta' Ħamrun Spartans lagħab il-125 u l-aħħar partita tiegħu mal-Ispartans. Fis-snin tmenin u disgħin ti-tifel tiegħu Marco Grech ukoll libes il-flokk Ħamruniż għal diversi snin fejn magħhom rebaħ diversi kampjonati u trophies.
4. Iż-żagħżugħ Ninu Attard, li skorja l-goal tad-draw, kien qed jiddebutta mal-Ispartans. Ninu Attard huwa wieħed mis-seba' aħwa Attard li kollha kienu jilgħabu l-football. Ħuh Martin Attard flimkien ma' Lolly Muscat u l-goalkeeper Charles Buttigieg, kien neqsin mit-team tal-Ispartans f'din il-partita.

5. Fl-4 ta' Marzu 1966 il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lil Ġanni Saliba logħba wara li xejjer bis-sieq lill-avversarju u mmulta £1 lil Ġillu Pace minħabba mġieba ħażina.
6. Skond it-Torċa is-centre forward Karkariż li lagħab u skorja t-tieni goal kien Nazzareno Borg filwaqt li skond il-Malta News u 'Il-Ħaddiem' il-player kien Karmenu Borg 'L-Iscotch'

---

**27-02-1966:** Valletta FC – Sliema Wdrs. FC 1-1
H.T 1-0 **Referee:** James Sawyer
**Skurjaw:** C. Zammit (V) 30' u R. Cocks (S) pen. 60'.

Abbandunata fit-63 minuta wara protesti ħorox mill-players ta' Valletta li ma qablux mad-deċiżjoni ta' penalty li ngħata favur Sliema Wanderers.

**Valletta FC:** Ċensu 'Tal-Morning Star' Borg Bonaci, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Frankie Zammit, Johnnie Attard, Tony Calleja, Josie Urpani, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Joe Galea, Eddie Vella.

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, John Bonett, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Kien hemm protesti ħorox li kkaġunaw l-abbandun tal-partita hekk kif fit-63 minuta d-difensur Belti Johnnie Attard mar jinterċetta cross ta' Joe Aquilina u laqat b'mod aċċidentali l-ballun b'idejh wara li pprova jikkontrollah b'sidru. It-tfiegħ tal-ġebel kien diġa beda minn qabel b'xi ġebla kultant, żdied meta ssaffar il-penalty u ma riedx jieqaf meta ġie skurjat il-penalty. Ir-referee James Sawyer abbanduna l-logħba wara li dam jitkellem mal-linesman għal madwar erba' minuti f'nofs il-ground. It-Tazza Johnnie Walker ġiet ippreżentata mill-President tal-MFA Eugenio Bonello lill-captain tal-Wanderers Robbie Buttigieg 20 minuta wara l-abbandun tal-partita fl-istess ħin li l-Pulizija kienu għadhom jippruvaw jikkontollaw lill-partitarji ta' Valletta. L-istorbju baqa' sejjer sa siegħa wara l-partita. Din kienet l-aħħar partita tar-referee Jimmy Sawyer.
2. Johnnie Attard ta' Valletta tkeċċa fil-protesti li nqalgħu fl-inċident tal-penalty li kkaġuna l-abbandun tal-logħba. Il-player ma ġiex imħolli joħroġ mis-supporters Beltin u rega' irritorna fil-ground u baqa' hemmhekk minkejja li r-referee beda jagħmillu s-sinjal biex joħrog 'il barra.
3. Fl-4 ta' Marzu 1966 il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA mmulta lil Johnnie Attard £2 minħabba mġieba ħażina u mmulta £1 lil Joe Bugeja għax tilef il-ħin.
4. Sal-ħin tal-abbandun Sliema Wanderers kienu l-aħjar team b'Gauci jsalva fuq il-linja header ta' Joe Cini wara tliet minuti, John Bonett jolqot il-lasta l-mimduda fl-20 minuta minn pass ta' Ronnie Cocks u Frankie Zammit isalva darbtejn oħra minn fuq il-linja b'Borg Bonaci megħlub. Il-goal li ta l-vantaġġ lil Valletta kien l-ewwel xutt fil-lasta li taw il-Belt.
5. Il-goal ta' Valletta fil-fatt wasal minn żball fid-difiża Slimiża meta Charlie Zammit daħal b'ġirja u laħaq fuq back pass ta' Salvu Bonnici lejn il-goalkeeper Cosby biex spara fix-xibka. Zammit kien diġa skorja hat-trick għal Valletta kontra Sliema Wanderers fil-Final tal-Cassar Cup f'Jannar. Fil-fatt din kienet l-unika telfa li sofrew Sliema f'dawk l-aħħar 14-il xahar kontra team Malti.
6. Fit-30 ta' Marzu 1966 il-Kunsill tal-MFA kien ta ż-żewġ punti lil Sliema Wanderers filwaqt li l-club ta' Valletta tilfu l-gate money u ġew imwissija severament. Valletta appellaw mis-sentenza filwaqt li ritraw id-delegat tagħhom mill-Kunsill tal-MFA kif ukoll lil Manwel Calleja u Muscat mill-Ground Committee. Huma heddew li jekk l-MFA ma tikkunsidrax l-appell tagħhom huma kienu ser jirtiraw mill-bqija tal-kompetizzjonijiet tal-MFA għal dak l-istaġun. Fl-14 t'April l-MFA nfurmat lil Valletta li ma setgħux jappellaw fuq Competition Rule.
7. Valletta kienu qed jilgħabu mingħajr Tony Connor li kiser saqajh f'inċident bil-lambretta. Fil-fatt Connor ma lagħabx aktar f'Malta minħabba li fil-21 ta' Settembru huwa emigra lejn l-Ingilterra.
8. Wara din il-logħba Karm Borg bagħat ir-riżenja tiegħu mill-Bord Tekniku tal-MFA li kien qed jipprepara lit-team Malti għall-partita ta' ritorn kontra l-Libja fi Tripli.
9. B'dan il-mod għalaq il-kampjonat 1965-66 li beda bl-inkwiet u spiċċa bl-inkwiet. Iktar inkwiet seħħ fil-kompetizzjoni ġdida msemmija MFA League li kien kampjonat b'round wieħed bir-rebbieħ tagħha suppost kellu jipparteċipa fit-Tazza tal-Fieri. Sliema kienu ħadu sehem xorta minkejja li kienu rebħu l-kampjonat u kellhom post fit-Tazza taċ-Champions. Fil-fatt il-Wanderers rebħu din il-kompetizzjoni wkoll u kienu Hibernians li spiċċaw fit-tieni post li kisbu d-dritt li jipparteċipaw fit-Tazza tal-Fieri. Madankollu l-UEFA għarrfet lill-MFA li l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx milqugħa minħabba li xtaqu jżommuha għal teamijiet ta' livell għoli biex l-MFA League spiċċa sar għalxejn u fil-fatt qatt ma reġa' sar iktar.

*Tonio Farrugia*



# SPOT THE BALL

## u irbaħ Flokk ta' Juventus

KOMPETIZZJONI




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2020.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, Union Print Co. Ltd. Workers' Memorial Building, 3rd Floor, South Street, Valletta .

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Juventus ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 154

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 154 huwa: **Sabrina Formosa Xuereb - Qawra**





# TISLIBA

**MIMDUDIN**

1) Il-goljel attwali ta' Old Trafford (6,8)
8) Gonzalo, attakkant Arġentin tal-Juventus (7)
9) Pavel, 385 partita għall-Lazio u Juventus (6)
10) Tonny van ..., 455 partita għal Sparta Rotterdam 1947-1963 (3)
12) Devis, il-coach nazzjonali l-ġdid ta Malta (6)
14) Anibal, left-back attwali tal-Ekwador (5)
15) Károly, midfielder tal-Ungerija 1974-1982 (5)
17) u 25) Dixie, 399 partita ma' Everton fis-snin 20 u 30 (4)
19) Wing għat-Taljani (3)
20) VIP Area jew "Tribuna d'....." (5)
23) Jaap, ex centre-back robust ta' Man Utd, Milan u Ajax (4)
24) Ivo, ex midfielder ta' Slavia Prague u ċ-Ċekoslovakkja (5)
25) Ara 17 Mimdudin
26) Alex, ex midfielder u coach ta' Dundee United (3)
27) u 35) Mukasa, partita waħda għall-Uganda fl-1978 (4)
29) Jacek, 96 partita u 3 goals għal Polonja (3)
31) Carlos, ex centre-back ta' Porto u Benfica (7)
33) Anam, attakkant attwali tan-Niġerja (3)
35) Ara 27 Mimdudin
36) Praha, club ewlieni Ċek imwaqqaf fl-1893 (5)
38) Valter, difensur tal-Estonja 1934-1940 (6)
41) Heung-min, winger ta' Tottenham u l-Korea t'Isfel (3)
42) Pietro, il-mibki riċenti ex attakkant ta' Juventus u l-Italja (8)

**WEQFIN**

1) Il-Farawuni ta' Anfield Road (7,5)
2) Daniele, difensur ċentrali ta' Juventus (6)
3) Zoran, partita waħda mas-Slovenja fl-1992 (6)
4) Wieħed mill-aħwa van de Kerkhof tal-Olanda (4)
5) Leroy, winger ta' Man City u tal-Ġermanja (4)
6) František, coach tal-Olanda 1970-1974 (8)
7) Johann, ex midfielder ta' Rapid Wien u l-Awstrija (7)
11) Rodrigo, midfielder offensiv ta' Udinese u l-Arġentina (2,4)
13) Kwadwo, left-back ta' Inter (7)
16) u 37) Jürgenson, attakkant tal-Estonja b'4 partiti fl-1924 (5)
18) Guillermo, l-ewwel Top Scorer fit-Tazza tad-Dinja 1930 (7)
20) Belt u Stadium ospitanti fil Fifa WC 2002 (4)
21) Stian, partita waħda man-Norveġja fl-2006 (3)
22) Ex attakkant ta' Sampdoria u Inter (4)
28) Nelson, attakkant attwali tal-Bolivja (5)
29) Club fil-Primeira League tal-Portugall (5)
30) Fagan, ex difensur ċentrali ta' Tranmere Rovers (3)
32) Bernd, goalkeeper ta' Arsenal u tal-Ġermanja (4)
34) Kamso, midfielder attwali tal-Guinea (4)
37) Ara 16 Weqfin
39) u 40) Tenukai, difensur ta' Kiribati b'4 partiti fl-2011 (4)
40) Ara 39 Weqfin

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 154

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | R | I | O | B | A | L | O | T | E | L | L | I |
| A | ■ | A | ■ | B | ■ | N | ■ | L | ■ | L | ■ | A | ■ |
| N | E | Y | R | A | ■ | C | A | G | L | I | A | R | I |
| C | ■ | O | ■ | F | O | E | ■ | U | ■ | S | ■ | I | ■ |
| H | A | V | R | E | ■ | L | E | I | G | H | T | O | N |
| E | ■ | A | ■ | M | E | L | ■ | N | ■ | A | ■ | S | ■ |
| S | O | L | T | I | S | ■ | S | ■ | A | ■ | F | ■ | P |
| T | ■ | L | O | ■ | A | L | T | O | B | E | L | L | I |
| E | L | E | N | A | ■ | ■ | A | ■ | E | ■ | E | ■ | N |
| R | ■ | C | ■ | S | U | M | M | E | R | B | E | E | ■ |
| ■ | S | A | H | A | N | ■ | F | ■ | D | ■ | T | ■ | M |
| O | ■ | N | O | ■ | G | R | O | N | E | R | ■ | V | A |
| B | R | O | W | N | E | ■ | R | ■ | E | ■ | E | ■ | R |
| I | ■ | ■ | E | ■ | R | A | D | E | N | O | V | I | C |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 154: **Anton Camilleri - Birkirkara**

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April 2020.
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, Union Print Co. Ltd. Workers' Memorial Building, 3rd Floor, South Street, Valletta**




**SUNGLASSES:** POLAR - CEBE **DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

**ONE HOUR SERVICE**

**OPEN ALL DAY**
AT G'MANGIA
Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat: 0830hrs - 1230hrs

| | | | |
|---|---|---|---|
| G'MANGIA | 2122 6020/3 | NAXXAR | 2143 1152 |
| | 2122 8370 | B'BUGIA | 2142 1976 |
| FGURA | 2167 3332 | ZEBBUG | 2167 3332 |
| ZEBBUG | 2146 5768 | RABAT | 2145 0845 |
| MQABBA | 2748 7582 | LUQA | 2189 5248 |
| B'KARA | 2149 0213 | ATTARD | 2141 8315 |
| QORMI (PINTO OPTICIANS) | 2148 8950 | SAN GWANN | 2138 3947 |

THE CATHEDRAL OPTICAL

TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

U*BET
Live the Game

FORMULA 1

THE 70TH ANNIVERSARY SEASON WITH A 22 FORMULA ONE RACE CALENDAR




PLACE YOUR BETS AND BUCKLE UP




Maltco is authorised by the mga operating under licence no. LGA/NL/02

PLAY RESPONSIBLY 18+ www.rgf.org.mt